

Rapport Speċjali

L-għażla u l-monitoraġġ ta' proġetti taħt il-FEŻR u l-FSE fil-perjodu 2014-2020 għadhom prinċipalment orjentati lejn l-outputs

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit tal-UE. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar li tispċjalizza fl-oqsma ta' nfiq Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Ladislav Balko, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Branislav Urbanič, Kap tal-Kabinett u Zuzana Frankova, Attaché tal-Kabinett; Myriam Cazzaniga, Maniġer Prinċipali; Pekka Ulander, Kap tal-Kompitu; Michaela Binder, Espert Nazzjonali Sekondat.

WERREJ

	Paragrafu
Glossarju	
Lista ta' abbrevjazzjonijiet	
Sommarju eżekuttiv	I - V
Introduzzjoni	1 - 9
Il-politika ta' Koeżjoni hija l-politika prinċipali ta' investiment tal-UE	1 - 2
L-orientazzjoni lejn il-prestazzjoni hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri għal matul il-perjodu 2014-2020	3 - 4
L-importanza tal-għażla u l-monitoraġġ tal-proġetti biex tinkiseb prestazzjoni	5 - 6
Parteċipanti prinċipali u r-rwol tagħhom fl-għażla u l-monitoraġġ tal-proġetti	7 - 9
Ambitu u approċċ tal-awditjar	10 - 14
Osservazzjonijiet	15 - 73
L-għażla tal-proġetti mhijiex ffukata biżżejjed fuq ir-riżultati	15 - 34
Il-proċeduri tal-għażla jappoġġaw l-għażla ta' proġetti rilevanti għall-oġettivi tal-programmi operazzjonali	18 - 22
Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-proġetti ma kienx hemm wisq fokus fuq ir-riżultati u rari kienet tinkludi riżultati kwantifikati	23 - 27
Il-benefiċjarji ġew imħeġġa japplikaw għall-finanzjament	28 - 31
Il-proċeduri tal-għażla ġeneralment ma kinux jinvolvu tqabbil bejn l-applikazzjonijiet tal-proġetti, u dan irriżulta fir-riskju li ma jintgħażlux l-aħjar proġetti	32 - 34
Il-kwalità tad-data ta' monitoraġġ tinsab f'riskju, u fil-biċċa l-kbira hija orjentata lejn l-outputs	35 - 73
Huwa possibbli li l-aċċertament dwar il-kwalità tad- <i>data</i> ta' monitoraġġ ma jiġix ipprovdut fil-ħin għall-analiżi tal-prestazzjoni tal-2019	38 - 62
L-informazzjoni ġġenerata fuq il-bażi tad- <i>data</i> miġbura għadha fil-biċċa l-kbira orjentata lejn l-outputs	63 - 73
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	74 - 83

Anness I - Lista ta' proġetti magħżula għal dan l-awditu

Anness II - Obiettivi tematiċi

Anness III - Lista ta' proċeduri tal-għażla eżaminati f'dan l-awditu

Anness IV - Lista ta' PO eżaminati f'dan l-awditu

Anness V - Assi prijoritarji, prijoritajiet ta' investiment u obiettivi speċifiċi li għalihom jikkorrispondu l-proġetti magħżula fl-Anness I

Anness VI - Indikaturi tal-output u tar-riżultati tal-programmi operazzjonali għall-assi prijoritarji deskritti taħt l-Anness V u ffinanzjati mill-FEŻR

Anness VII - Indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-assi prijoritarji deskritti taħt l-Anness V u ffinanzjati mill-FSE

Anness VIII - Outputs u riżultati fil-proċeduri tal-għażla u fl-applikazzjonijiet eżaminati

Ir-risposti tal-Kummissjoni

GLOSSARJU

Assi prijoritarju: Prijorità ta' investment waħda jew aktar assoċjati ma' objettiv tematiku partikolari. Il-finanzjament fi programm operazzjonali huwa organizzat skont l-assi prijoritarju.

Awtorità maniġerjali (AM): Awtorità maniġerjali hija korp pubbliku jew privat li jkun ġie maħtur minn Stat Membru biex jimmaniġġja programm operazzjonali. Il-kompiti tagħha jinkludu l-għażla ta' proġetti għall-finanzjament, il-monitoraġġ ta' kif il-proġetti jiġu implimentati, u r-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-aspetti finanzjarji u r-riżultati miksuba.

Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (FSIE jew fondi SIE): Il-fondi SIE huma ħames fondi separati li għandhom l-għan li jnaqqsu l-iżbilanċi reġjonali fl-Unjoni kollha, b'oqfsa ta' politika stabbiliti għall-perjodu baġitarju tal-QFP ta' seba' snin. Il-fondi jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Indikatur: Indiċi li jista' jitkejjel għal objettiv, u li jipprovdi informazzjoni li tappoġġa valutazzjoni tal-livell sa fejn ikun intlaħaq objettiv.

Indikaturi finanzjarji: Valuri li jintużaw għall-monitoraġġ tal-progress f'termini tal-impenji u l-pagamenti (annwali) tal-fondi disponibbli għal kull proġett, miżura jew programm fir-rigward tal-ispiża eliġibbli tiegħu.

Indikaturi tal-outputs: Valuri li jintużaw biex ikejlu l-outputs tal-operazzjonijiet appoġġati jew l-outputs fil-livell tal-programmi operazzjonali.

Indikaturi tar-riżultati: Valuri li jintużaw biex jitkejlu r-riżultati ġġenerati minn proġetti appoġġati, jew ir-riżultati miksuba fil-livell tal-programmi operazzjonali.

Kodiċi ta' Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija: Sett ta' prinċipji stipulati fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni tas-sħubiji għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija u ta' programmi operazzjonali.

Kriterji tal-għażla/tal-għoti: Kriterji ddefiniti minn qabel li jintużaw fi proċeduri tal-għażla biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-applikanti li jikkompletaw l-azzjoni proposta jew il-programm ta' ħidma propost.

Kumitat ta' monitoraġġ: Kumitat li jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' PO. Huwa magħmul minn "rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Istat Membru rilevanti" (eż. rappreżentanti tal-awtoritajiet maniġerjali, ta' ċertifikazzjoni u tal-awditjar, korpi ta' implimentazzjoni, organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jew tal-impjegati, u s-soċjetà ċivili). Il-Kummissjoni għandha wkoll rwol ta' osservatur.

Kundizzjonalitajiet *ex ante*: Kundizzjonijiet li l-Istati Membri jridu jissodisfaw qabel ma jkunu jistgħu jirċievu finanzjament taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Meta kienu qed iħejju l-programmi operazzjonali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri kienu meħtieġa jeżaminaw jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux ġew issodisfati. Jekk dan ma kienx il-każ, kellhom jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni biex jiġi żgurat li dan iseħħ sal-31 ta' Diċembru 2016.

Loġika ta' intervent: Ir-rabta bejn il-ħtiġijiet ivvalutati, l-oġġettivi, l-inputs (ippjanati u allokat), l-outputs (immirati u miksuba) u r-riżultati (intenzjonati u reali).

Monitoraġġ: L-eżaminar regolari tal-infiq, l-outputs u r-riżultati, li jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar jekk il-proġetti / il-programmi jkunux qed jipprogressaw kif intenzjonat.

Objettiv speċifiku: Ir-riżultat previst li għalih l-azzjoni meħuda mill-UE timmira li tikkontribwixxi.

Outputs: Dak li jiġi prodott jew jitwettaq bir-riżorsi allokat għal intervent (eż. korsijiet ta' taħriġ mogħtija lil żgħażaġh qiegħda, għadd ta' impjanti tad-drenaġġ, jew parti ta' triq li tinbena).

Prijoritajiet ta' investiment: Għal kull assi prijoritarju, fil-programmi operazzjonali tagħhom l-Istati Membri jridu jstipulaw il-prijoritajiet ta' investiment u l-oġġettivi speċifiċi korrispondenti. Dawn huma elenkati fir-Regolamenti speċifiċi li jirregolaw il-FEŻR, l-FSE u l-FK.

Programm Operazzjonali (PO): Dikjarazzjoni tal-prijoritajiet u l-objettivi speċifiċi ta' Stat Membru li tiddekrivi kif il-finanzjament (kofinanzjament mill-UE u nazzjonali kemm pubbliku kif ukoll privat) ikun se jintuża matul perjodu partikolari (attwalment ta' seba' snin) għall-finanzjament ta' proġetti. Il-proġetti fi ħdan PO jridu jikkontribwixxu għal ċertu għadd ta' objettivi li jkunu speċifikati fil-livell tal-assi prijoritarji tal-PO. Il-finanzjament tal-PO jista' jiġi mill-FEŻR, mill-FK u/jew mill-FSE. Il-PO jitfassal mill-Istat Membru u jrid jiġi approvat mill-Kummissjoni qabel ma jkun jista' jsir kwalunkwe pagament mill-baġit tal-UE. Il-programmi operazzjonali jistgħu jiġu modifikati biss matul il-perjodu ta' programmazzjoni jekk iż-żewġ partijiet jaqblu dwar dan.

Qafas ta' prestazzjoni: Sett ta' stadji intermedji u ta' miri li jiġu ddefiniti għal kull assi prijoritarju fi Programm Operazzjonali, u li jiffurmaw pilastru importanti tal-approċċ ta' orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni.

Riżerva ta' prestazzjoni: Riżorsi li jikkostitwixxu 6 % tar-riżorsi allokatu għall-FEŻR, għall-FSE u għall-FK jew għall-FAEŻR u għall-FEMS, li jridu jsiru disponibbli wara l-analiżi tal-prestazzjoni tal-2019 jekk ċerti rekwiżiti jiġu ssodisfati jew jinqabżu.

Riżultati: Bidliet immedjati li jirriżultaw għall-benefiċjarji fi tmiem il-parteeċipazzjoni tagħhom f'intervent (eż. aċċessibbiltà aħjar għal żona minħabba l-kostruzzjoni ta' triq, trainees li jkunu sabu impjeg).

Strateġija Ewropa 2020: L-istrateġija tal-UE għat-tekabbir għall-perjodu 2010–2020, immirata biex tgħin lill-UE tirkupra mill-kriżi. L-istrateġija tinqasam f'ħames miri ewlenin li jkopru l-impjeg; ir-riċerka u l-iżvilupp; il-klima u l-enerġija; l-edukazzjoni; u l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar.

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

AA	Awtorità tal-Awditjar
AĊ	Awtorità ta' ċertifikazzjoni
AM	Awtorità Maniġerjali
AMD	Awtorità Maniġerjali Delegata
AP	Assi prijoritarju
FEŻR	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
FK	Fond ta' Koeżjoni
Fondi SIE jew FSIE	Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej
FSE	Fond Soċjali Ewropew
KE	Kummissjoni Ewropea
KI	Korp intermedjarju
OS	Objettiv speċifiku
OT	Objettiv tematiku
PI	Prijorità ta' investiment
PO	Programm Operazzjonali
QSK	Qafas Strateġiku Komuni
RAI	Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni
RDK	Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni
SM	Stat Membru
SMEs	Intrapriżi żgħar u medji

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-UE allokat kważi EUR 349.4 biljun għall-ilħuq tal-objettivi tagħha f'termini ta' politika ta' Koeżjoni. Din il-politika għandha l-għan li tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozji, it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli u t-titjib fil-kwalità tal-ħajja. Biex jinkisbu dawn l-objettivi, jiġi allokat finanzjament għal proġetti li jitwettqu minn beneficijarji fl-Istati Membri. L-awtoritajiet fl-Istati Membri jagħżlu l-proġetti li jiffinanzjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom. Huwa kruċjali li dan il-finanzjament jiġi allokat b'mod effettiv, prinċipalment billi jitwasslu r-risultati mistennija.

II. Sabiex tappoġġa din il-mira, il-Kummissjoni implimentat diversi miżuri bil-għan li jżieded il-fokus fuq ir-risultati fil-perjodu 2014-2020. Fir-rapporti preċedenti, aħna lqajna t-titjib li dawn il-miżuri ġabu. Iżda enfasizzajna wkoll id-dgħufijiet serji li jaffettwaw l-effettività ta' dawn il-miżuri u l-kwalità tal-informazzjoni ta' monitoraġġ relatata mal-infiq fuq il-Politika ta' Koeżjoni. Dan ir-rapport jikkonsolida u jżviluppa dawn is-sejbiet preċedenti.

III. Aħna eżaminajna kemm il-fokus fuq ir-risultati huwa integrat fil-mod kif jintgħażlu l-proġetti u kemm il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu juru li l-baġit tal-UE qed jintnefaq kif suppost. Għalhekk, aħna eżaminajna l-arranġamenti ta' għażla u ta' monitoraġġ tal-proġetti li jagħmlu użu mill-finanzjament taħt il-politika ta' Koeżjoni.

IV. Aħna nikkonkludu li, minkejja l-intenzjonijiet li ilhom jeżistu, it-tfassil tal-proċeduri tal-għażla u l-proċessi nfushom ikomplu jiffukaw fuq l-outputs u l-assorbiment aktar milli fuq ir-risultati. Barra minn hekk, minħabba ċerti nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' monitoraġġ kien diffiċli li jiġi vvalutat sa liema punt il-finanzjament mill-UE kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi tal-UE u tal-Istati Membri. Speċifikament, għall-programmi operazzjonali li eżaminajna, aħna sibna dan li ġej:

- Dwar l-għażla tal-proġetti, il-benefiċjarji potenzjali kienu infurmati tajjeb u ngħatalhom appoġġ xieraq biex jaċċessaw il-finanzjament mill-UE. Il-proċeduri li eżaminajna kienu maħsuba biex jappoġġaw l-għażla ta' proġetti rilevanti għall-objettivi tal-programmi operazzjonali, iżda l-kriterji tal-għażla rari kienu jeħtieġu li l-applikanti jiddefinixxu indikaturi tar-risultati kwantifikati fil-livell tal-proġetti. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira,

L-għażla tal-proġetti saret fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel. L-applikazzjonijiet ngħataw punteġġi u ġew ikklassifikati bi tqabbil ma' xulxin fi proċedura tal-għażla waħda biss.

- Dwar il-monitoraġġ, aħna sibna li s-sistemi ta' monitoraġġ ma kinux saru funzjonali qabel ma kien intlaħaq stadju avanzat fil-proċess, prinċipalment minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv. Għad hemm xi dgħufijiet f'xi wħud mis-sistemi tal-IT li jintużaw għall-ġbir u għall-aggregazzjoni tad-*data* ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, il-progress bil-mod fl-awditi tas-sistemi ta' monitoraġġ rispettivi introduċa r-riskju li jista' ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa qabel ma ssir l-analiżi tal-prestazzjoni fl-2019.
- L-informazzjoni ta' monitoraġġ tibqa' fil-biċċa l-kbira orjentata lejn l-outputs. Ir-rapport prinċipali tal-Kummissjoni dwar il-kejl tal-kisbiet juri li sar xi progress f'dak li jirrigwarda l-indikaturi prinċipali tal-outputs kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-finanzjament. Madankollu, hemm biss informazzjoni limitata dwar il-kisba ta' riżultati.

V. Għalhekk, aħna nirrakkomandaw dan li ġej:

- Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u verament orjentat lejn ir-riżultati għall-għażla tal-proġetti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jsir tqabbil bejn l-applikazzjonijiet tal-proġetti, jitolbu lill-benefiċjarji jiddefinixxu tal-inqas indikatur wieħed reali tar-riżultati għal kull proġett u jwettqu valutazzjoni tar-riżultati mistennija u tal-indikaturi fir-rapport ta' valutazzjoni għall-applikazzjonijiet.
- Sabiex jiżguraw monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati, jenħtieġ li fil-ftehim ta' għotja l-Istati Membri jinkludu minn tal-inqas indikatur wieħed tar-riżultati li jkun reali u kwantifikat, u li jikkontribwixxi għall-indikaturi tar-riżultati stabbiliti fil-livell tal-PO, kif ukoll li l-Kummissjoni tiddefinixxi indikaturi komuni tar-riżultati għall-FEŻR ibbażati fuq definizzjoni komuni ta' "riżultati".
- Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni u tiżgura li fl-2019 issir analiżi tal-prestazzjoni siewja.

INTRODUZZJONI

Il-politika ta' Koeżjoni hija l-politika prinċipali ta' investiment tal-UE

1. Il-politika ta' Koeżjoni hija l-politika prinċipali ta' investiment tal-UE. Hija għandha l-għan li tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozji, it- tkabbir ekonomiku, l- iżvilupp sostenibbli u t-titjib fil-kwalità tal-ħajja. Madwar terz tal-baġit tal-UE huwa allokat għall-politika ta' Koeżjoni. Bil-prezzijiet attwali, dan ammonta għal madwar EUR 230 biljun fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, EUR 346.5 biljun fil-perjodu 2007-2013 u EUR 349.4 biljun fil-perjodu 2014-2020.

2. Il-politika ta' Koeżjoni titwassal permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Dawn il-fondi, flimkien mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), jagħmlu parti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). Dawn jiġu implimentati permezz ta' programmi operazzjonali (PO) li jistipulaw il-prijoritajiet ta' investiment u l-oġettivi speċifiċi¹. Jiddeskrivu wkoll kif il-finanzjament ikun se jintuża matul il-perjodu ta' programmazzjoni biex jiġu ffinanzjati l-proġetti. Il-PO jiġu implimentati mill-Istati Membri u mir-reġjuni tagħhom. Dan ifisser li l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom jagħżlu, jimmonitorjaw u jevalwaw il-proġetti.

L-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri għal matul il-perjodu 2014-2020

3. L-Istrateġija Ewropa 2020 hija l-istrateġija fuq 10 snin tal-UE, għall-impjiegi u t-tkabbir. Hija tniedet fl-2010 bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet li jwasslu għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Sabiex jintlaħqu l-oġettivi u l-miri stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020,

¹ Il-prijoritajiet ta' investiment u l-oġettivi speċifiċi jiġu stabbiliti abbażi tal-ftehim ta' sħubija tal-Istat Membru, li huwa ftehim li jsir bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni u jiddeskrivi fil-qosor il-miri strateġiċi u l-prijoritajiet ta' investiment tal-pajjiż.

fil-2010 il-Kummissjoni aċċennat il-ħtieġa li tizzied l-effettività tal-politika ta' Koeżjoni billi jkun hemm fokus fuq ir-riżultati².

4. B'hekk, il-pakkett leġiżlattiv għall-politika ta' Koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 daħħal bidliet sinifikanti bl-intenzjoni li jizzied il-fokus fuq il-prestazzjoni³. Il-miżuri prinċipali huma dawn li ġejjin:

- L-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet *ex ante* (EACs)⁴ li jeħtieġu li sa tmiem l-2016 Stat Membru jissodisfa ċerti kundizzjonijiet għall-użu effettiv tal-fondi SIE (eż. l-eżistenza ta' oqfsa ta' politika/strateġiċi). Waħda minnhom, il-Kundizzjonalità *ex ante* ġenerali Nru 7⁵, teħtieġ "l-eżistenza ta' sistema ta' indikaturi tar-riżultati meħtieġa sabiex jintgħażlu azzjonijiet, li jikkontribwixxu bl-aktar mod effettiv għar-riżultati mixtieqa, sabiex jiġi sorveljat il-progress lejn riżultati".
- L-introduzzjoni ta' riżerva ta' prestazzjoni, li twarrab parti mill-fondi tal-UE allokatu għall-programmi operazzjonali, biex jiġu rilaxxati biss jekk subsett ta' indikaturi (prinċipalment

² KUMM(2010) 700 finali tad-19 ta' Ottubru 2010 "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE".

³ Dawn l-aspetti kollha ġew ittrattati fir-Rapport Speċjali Nru 2/2017 "In-negozjar, li sar mill-Kummissjoni, tal-Ftehimiet ta' Sħubija 2014-2020 u l-programmi fil-qasam tal-Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020: l-infiq qed ikun aktar immirat fuq il-prijoritajiet ta' Ewropa 2000, iżda l-arranġamenti għall-kejl tal-prestazzjoni qed ikunu dejjem aktar kumplessi" u fir-Rapport Speċjali Nru 15/2017 "Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni: strumenti innovattivi iżda għadhom mhumiex effettivi".

⁴ L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁵ Il-Kundizzjonalità *ex ante* ġenerali Nru 7, l-Anness XI, il-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

indikaturi ta' nfiq/outputs) jilħqu stadji intermedji ddefiniti minn qabel. Ir-rilaxx ta' din ir-riżerva fl-2019 se jkun ibbażat fuq analiżi tal-prestazzjoni li se titwettaq fl-istess sena⁶.

- Loġika ta' intervent irrinfurzata matul l-eżerċizzju ta' programmazzjoni⁷ li tkun teħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom u jimpenjaw lilhom infushom li jiksbu sett ta' riżultati qabel ma jqisu fejn u kif jonfqu l-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni.
- Użu aktar konsistenti ta' indikaturi tal-prestazzjoni biex jitkejjel il-progress li jkun sar fil-kisba ta' riżultati⁸.

L-importanza tal-għażla u l-monitoraġġ tal-proġetti biex tinkiseb prestazzjoni

5. Fl-2017, aħna kkonkludejna⁹ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri rnexxielhom jiżviluppaw programmi operazzjonali b'loġika ta' intervent aktar robusta. Dan ifisser li l-PO jstipulaw b'mod konsistenti l-għanijiet tal-interventi (objettivi/riżultati speċifiċi) u l-mod kif dawn se jinkisbu (finanzjament meħtieġ, azzjonijiet li għandhom jittieħdu u outputs mistennija).

6. Madankollu, biex tinkiseb politika effettiva, huwa importanti li mhux biss jiġu stabbiliti miri ċari u jitqiesu r-riżultati matul l-eżerċizzju ta' programmazzjoni. Huwa essenzjali li jintuża approċċ orjentat lejn ir-riżultati matul il-fażi kollha ta' implimentazzjoni tal-PO, peress li huma prinċipalment il-kwalità tal-proġetti ffinanzjati u l-valur miżjud tagħhom f'termini ta' riżultati tanġibbli li jiddeterminaw l-effettività ta' politika. L-għażla, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-proġetti huma għalhekk essenzjali għall-kisba tal-prestazzjoni. Fil-**Figura 1** tingħata stampa ġenerali taċ-ċiklu ta' implimentazzjoni ta' PO u tal-korpi kkonċernati. Il-proċessi rilevanti għall-awditu tagħna huma aċċennati bl-isfar.


⁶ L-Artikoli 20, 22 u 96 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

⁷ L-Artikoli 9 u 96 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

⁸ L-Anness I tar-Regolamenti (UE) Nru 1300/2013, Nru 1301/2013 u Nru 1304/2013, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013, l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 u l-Artikolu 96(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

⁹ Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2017.

Figura 1 - Stampa ġenerali ta' ċiklu ta' implimentazzjoni ta' PO



Sors: il-QEA.

Parteċipanti prinċipali u r-rwol tagħhom fl-għażla u l-monitoraġġ tal-proġetti

7. Il-proġetti jintgħażlu mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-programmi operazzjonali. Dawn l-awtoritajiet maniġerjali (AM), jew il-korpi intermedjarji (KI) li lilhom jiddelegaw is-setgħat, jistabbilixxu l-kriterji tal-għażla, jorganizzaw il-komitati tal-għażla u jiddeċiedu liema proġetti jkunu se jirċievu finanzjament Ewropew. Il-Kummissjoni mhijiex involuta fl-għażla tal-proġetti, għall-kuntrarju tar-rwol kruċjali tagħha fin-negozjar tal-programmi operazzjonali. Madankollu, permezz tar-rwol konsultattiv tagħha, il-Kummissjoni hija involuta fil-komitati ta' monitoraġġ tal-PO¹⁰ fejn jiġu approvati l-metodoloġija u l-kriterji li jintużaw għall-għażla tal-proġetti. Hija tipprovdi wkoll gwida, ibbażata fuq l-aħjar prattiki u fuq l-esperjenza kondiviża mal-Istati Membri.

8. L-Istati Membri huma responsabbli għall-monitoraġġ tal-proġetti. L-awtoritajiet maniġerjali jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali u tal-proġetti, jaggregaw l-informazzjoni ta' monitoraġġ u jippreżentaw Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni (RAI) lill-Kummissjoni. Il-komitati ta' monitoraġġ jeżamina wkoll l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali u japprova r-RAI. Hawnhekk ukoll, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat għall-ħruġ ta' gwida, l-eżaminar tal-prestazzjoni tal-programmi operazzjonali flimkien mal-awtoritajiet maniġerjali, u l-formulazzjoni ta' osservazzjonijiet dwar ir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni.

9. Madankollu, fir-rwol tagħha ta' rappurtar, il-Kummissjoni tippreżenta s-sinteżi annwali tagħha tar-RAI u tar-rapporti strateġiċi tal-Istati Membri (fl-2017 u fl-2019) lill-awtorità tal-kwittanza (il-Parlament Ewropew), lill-Komitati Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitati tar-Regġuni¹¹.

AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

10. Dan l-awditu fittex li jwieġeb il-mistoqsija dwar jekk l-għażla ta' proġetti u s-sistemi ta' monitoraġġ għall-proġetti taħt il-FEŻR u l-FSE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020

¹⁰ L-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

¹¹ L-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

kinux orjentati lejn ir-riżultati. Fid-dawl tal-livell avanzat ta' implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali, u billi komplejna nibnu fuq l-awditu li diġà twettqu, aħna stajna, permezz ta' dan l-awditu, insegwu għall-ewwel darba "l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati", matul il-fażi kollha ta' implimentazzjoni, hekk kif l-ewwel riżultati qed isiru disponibbli. Dan l-awditu huwa wkoll ta' rilevanza kbira għall-analiżi tal-prestazzjoni li hija skedata ssir fl-2019.

11. Fl-ewwel parti, aħna nirrappurtaw dwar l-analiżi li wettaqna tal-proċeduri tal-għażla stabbiliti għall-PO awditjati. Aħna nivvalutaw it-tfassil ta' dawn il-proċeduri tal-għażla, speċjalment id-determinazzjoni tal-kriterji tal-għażla u l-orjentament tagħhom lejn ir-riżultati, kif ukoll il-fażi ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet. Fit-tieni parti, neżaminaw is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti u l-monitoraġġ li twettaq sa issa mill-awtoritajiet maniġerjali/korpi intermedjarji tal-PO li saritilhom żjara biex inkejlu l-prestazzjoni operazzjonali fil-livell tal-programmi u fil-livell nazzjonali. Aħna nanalizzaw l-affidabbiltà tad-*data*, id-disponibbiltà tagħha, kif ukoll il-kapaċità tagħha li tipproduċi informazzjoni rilevanti għall-ġestjoni u għar-rappurtar lill-Kummissjoni.

12. B'kollox eżaminajna 34 proġett (ara l-lista ta' proġetti fl-***Annex I***). Iffukajna fuq il-FEŻR u l-FSE, u b'mod aktar speċifiku fuq tliet objettivi tematiċi (TO)¹² (ara deskrizzjoni tal-11-il objettiv tematiku fl-***Annex II***):

- OT3, it-tiżiħ tal-kompetittività tal-SMEs (16-il proġett),
- OT8, il-promozzjoni tal-impjeg sostenibbli u ta' kwalità u s-sostenn tal-mobilità tax-xogħol (12-il proġett), u
- OT9, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u kull diskriminazzjoni (6 proġetti).

13. Aħna eżaminajna l-proġetti li ntgħażlu direttament mill-AM (jew mill-korp intermedjarju) permezz ta' 20 proċedura tal-għażla (ara l-lista fl-***Annex III***), minn 7 PO li jinsabu f'4 Stati Membri: ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Italja u l-Finlandja (ara l-lista fl-

¹² L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Anness IV). Dawn il-PO u l-Istati Membri ntgħażlu skont il-materjalità tal-finanzjament allokat u l-istadju tal-implimentazzjoni tal-proġetti. Aħna għażilna l-proġetti fuq il-bażi tal-ammont ta' għotja li rċevew u fuq kemm kienu avvanzati fiż-żmien meta sar l-awditu. L-assi prijoritarju, il-prijoritajiet ta' investiment u l-oġettivi speċifiċi li għalihom jikkorrispondu l-proġetti magħżula huma elenkati fl-**Anness V**. L-output relatat u l-indikaturi relatati tar-riżultati huma elenkati fl-**Anness VI** fil-każ tal-FEŻR u fl-**Anness VII** fil-każ tal-FSE.

14. Aħna eżaminajna wkoll l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla tal-proġetti u l-monitoraġġ tal-programmi operazzjonali għall-FSE u l-FEŻR inġenerali.

OSSERVAZZJONIJIET

L-għażla tal-proġetti mhijiex ffukata biżżejjed fuq ir-riżultati

15. Jenħtiegħ li l-proċeduri tal-għażla li jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet maniġerjali jipprijoritizzaw l-għażla ta' daww il-proġetti li jkunu l-aktar rilevanti għall-oġettivi segwiti u li jkollhom l-akbar probabbiltà li jwasslu r-riżultati, kif ukoll li jiżguraw li l-finanzjament disponibbli jintnefaq f'konformità mar-regoli. Aħna vverifikajna l-punt sa fejn ir-riżultati kienu ġew riflessi fit-tfassil tal-proċeduri tal-għażla (eż. il-kriterji tal-għażla li ntużaw għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, il-metodu li ntuża għall-valutazzjoni tal-proġetti u d-dokumentazzjoni disponibbli għal offerenti potenzjali) kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-għażla u b'hekk, fil-proġetti magħżula.

16. Xogħol tal-awditjar preċedenti li twettaq mill-QEA¹³ wera li l-Kummissjoni u l-Istati Membri kien irnexxielhom jiżviluppaw programmi operazzjonali b'loġika aktar robusta ta' intervent, jiġifieri b'rabta ċara bejn il-ħtiġijiet għall-iżvilupp, l-oġettivi speċifiċi u l-indikaturi tar-riżultati. Din il-loġika ta' intervent trid tiġi riflessa fil-proċeduri tal-għażla tal-proġetti. Aħna nqisu li hemm għadd ta' kriterji ewlenin li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet maniġerjali meta jkunu qed ifasslu l-proċeduri biex jiżguraw li dawn ikunu orjentati lejn ir-riżultati:

¹³ Ara r-Rapport Speċjali Nru 2/2017 tal-QEA.

- jenħtieġ li l-kriterji tal-għażla li jiġu applikati jiżguraw li l-proġetti jkunu allinjati mal-objettivi tal-PO;
- jenħtieġ li l-kriterji tal-għażla jappoġġaw l-għażla ta' proġetti li mhux biss ikollhom indikaturi tal-outputs kwantifikati, iżda jkollhom ukoll indikaturi tar-riżultati kwantifikati biex ikejlu l-kisbiet tal-proġetti;
- jenħtieġ li l-benefiċjarji jiġu mħeġġa jippreżentaw applikazzjonijiet biex jiġi żgurat li jkun hemm għadd kbir ta' proġetti minn fejn tista' ssir l-għażla;
- fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-għażla tal-proġetti tkun ibbażata fuq tqabbil dirett tal-applikazzjonijiet, biex jiġu identifikati u prijoritizzati l-proġetti li jkunu l-aktar adatti għall-finanzjament.

17. Il-punt sa fejn l-AM applikaw dawn il-kriterji varjabbli waqt l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li rċevew u kif dawn influwenzaw l-għażla tal-proġetti orjentati lejn ir-riżultati huwa deskritt fil-paragrafi li ġejjin (ara l-**paragrafi 18 sa 38**).

Il-proċeduri tal-għażla jappoġġaw l-għażla ta' proġetti rilevanti għall-objettivi tal-programmi operazzjonali

18. Fil-qafas leġiżlattiv għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ġew introdotti ż-żewġ miżuri li kienu maħsuba biex jiffavorixxu l-għażla ta' proġetti rilevanti għall-objettivi tal-programmi operazzjonali:

- Il-PO jridu jstipulaw “prinċipji ta' gwida ” għall-għażla ta' proġetti għal kull assi prijoritarju¹⁴;
- L-AM jridu jfasslu proċeduri u kriterji tal-għażla li jiżguraw il-“kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet għall-kisba ta' objettivi u riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti”¹⁵.

¹⁴ L-Artikolu 96(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

¹⁵ L-Artikolu 125(3)(a)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

19. Minbarra dawn, għall-perjodu 2014-2020 ġew introdotti wkoll ir-rekwiżiti li ġejjin, biex jiffavorixxu l-għażla ta' aktar proġetti orjentati lejn ir-riżultati:

- skont il-Kundizzjonalità *ex ante* ġenerali Nru 7 (ara wkoll il-**paragrafu 4**), trid tkun ġiet stabbilita “sistema ta’ indikaturi tar-riżultati meħtieġa sabiex jintgħażlu azzjonijiet, li jikkontribwixxu bl-aktar mod effettiv għar-riżultati mixtieqa”;
- l-AM jridu jfasslu wkoll proċeduri u kriterji tal-għażla li jiżguraw il-“kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet għall-kisba ta' [...] riżultati [...] tal-prijorità rilevanti”¹⁶.

20. Il-“prinċipji ta’ gwida” jaġixxu bħala gwida għall-għażla tal-proġetti, u jiddettaljaw il-kriterji prinċipali tal-għażla li għandhom jintużaw. Flimkien mad-deskrizzjoni tal-proġetti li lilhom għandu jiġi allokat finanzjament, u filwaqt li jipprovdu eżempji ta’ tali proġetti u benefiċjarji, huma jaġhtu stampa ġenerali tajba tat-tip ta’ proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt kull objettiv speċifiku. Dawn il-prinċipji jintużaw bħala bażi għat-tnejnija tal-kriterji tal-għażla, u tista’ ssir referenza diretta għalihom fil-kriterji tal-għażla.

21. Aħna sibna li, f’xi każijiet, il-prinċipji kienu ta’ natura ġenerali; madankollu, kollha semmew il-ħtieġa li l-proġetti magħżula jkunu konformi mal-objettivi speċifiċi tal-PO, kif deskritt taħt kull assi prijoritarju. Il-kriterji tal-għażla, għall-proċeduri tal-għażla li eżaminajna, kienu konsistenti mal-prinċipji ta’ gwida. Kull proċedura kienet tinvolvi tal-inqas kriterju wieħed dwar ir-rilevanza tal-proġetti u l-kontribut tagħhom għall-objettiv speċifiku.

22. B’mod ġenerali, l-applikazzjonijiet magħżula li eżaminajna kienu vvalutati bi tqabbil mal-kriterji ddefiniti fi ħdan il-proċedura tal-għażla. Aħna sibna li l-34 proġett li eżaminajna għal dan l-awditu kienu rilevanti għall-objettivi speċifiċi tal-PO.

Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-proġetti ma kienx hemm wisq fokus fuq ir-riżultati u rari kienet tinkludi riżultati kwantifikati

23. Aħna eżaminajna kif l-AM wettqu l-għażla tagħhom tal-proġetti fil-prattika, b’mod partikolari, l-eżistenza, fil-proposta tal-proġett, tar-riżultati u l-objettivi mistennija, spjegati

¹⁶ L-Artikolu 125(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.


b’mod ċar, flimkien mal-indikaturi tal-outputs u tar-riżultati (marbuta mal-oġġettivi speċifiċi) iddefiniti u kwantifikati b’mod ċar. Eżaminajna wkoll jekk l-AM kinux ivvalutaw il-kapaċità ta’ kull applikant li jikseb ir-riżultati mistennija.

24. Sibna li minn 20 proċedura tal-għażla li eżaminajna, 18 kienu jinkludu kriterji li jeħtieġu li l-benefiċjarji jiddeskrivu r-riżultati mistennija tal-proġetti tagħhom (ara l-**Anness VIII**). Madankollu, 4 biss mill-20 proċedura kienu jinkludu kriterji li jeħtieġu l-kwantifikazzjoni tal-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-proġetti (il-proċeduri tal-għażla 17, 18, 19 u 20). Minbarra dan, fi tliet każijiet, dawn l-indikaturi tar-riżultati ma kinux jikkorrispondu direttament għal dawk iddefiniti fil-livell tal-PO (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 1**).

Kaxxa 1 - Eżempju ta’ indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-proġetti li huma differenti mill-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-PO: il-Proġett Nru 32, magħżul permezz tal-proċedura tal-għażla Nru 17	
Indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-proġetti (ara l- <u>Anness I</u> , il-Proġett Nru 32)	<ul style="list-style-type: none"> • ammont ta’ fatturat addizzjonali ġġenerat • ammont ta’ esportazzjonijiet diretti addizzjonali • għadd ta’ impjegji ġodda li nħolqu
Indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-PO (ara wkoll l- <u>Anness VI</u> , AP 1, OS 3d)	<ul style="list-style-type: none"> • evoluzzjoni tal-indiċi dinamiku tan-negozji • għadd ta’ kumpaniji li qed jikbru

25. L-analiżi tagħna tal-34 applikazzjoni tal-proġetti magħżula tikkorroboraw dawn is-sejbiet. L-applikazzjonijiet kollha pprovdew informazzjoni kwantifikata għal indikaturi tal-output li kienet tikkorrispondi għal dik fil-livell tal-PO, jew inkella, *data* ta’ dan it-tip setgħet tinkiseb direttament mis-sistema tal-IT (pereżempju għal indikaturi bħall-għadd ta’ intrapriżi li jirċievu appoġġ). Madankollu, 14-il applikazzjoni biss iprovdew informazzjoni kwantitattiva dwar l-indikaturi tar-riżultati mistennija. F’sitta minn dawn, l-indikaturi tar-riżultati ma kinux jikkorrispondu direttament għall-indikaturi tal-PO. L-applikazzjonijiet l-oħra prinċipalment iprovdew deskrizzjoni narrattiva (ara l-**Figura 2** u l-**Anness VIII**).

Figura 2 - Informazzjoni dwar l-outputs u r-risultati mistennija pprovduta fl-applikazzjonijiet



26. Rigward il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, aħna sibna li l-AM kienu vvalutaw il-fattibbiltà kumplessiva tal-proġetti kif ukoll il-probabbiltà li dawn jirnexxu. Madankollu, filwaqt li saret valutazzjoni tal-possibbiltà li jinkisbu r-risultati mistennija għat-18-il proġett kollha taħt il-FEŻR, din il-valutazzjoni twettqet biss għal 2 mis-16-il proġett taħt l-FSE li eżaminajna. Aħna sibna wkoll li l-valutazzjoni ta' din il-possibbiltà kienet pjuttost vaga fir-rapporti ta' valutazzjoni, ħlief f'seba' każijiet¹⁷ li kienu jinkludu deskrizzjoni aktar dettaljata dwar ir-rilevanza tal-indikaturi u l-probabbiltà li l-miri jintlaħqu.

27. F'dak li jirrigwarda l-għoti ta' punteġġi lill-applikazzjonijiet, sibna li t-twassil tar-risultati mistennija kien parti mill-proċess ta' għoti ta' punteġġi fi 11-il każ biss. Dan jindika li, dment li l-proġetti previsti kienu jikkorrispondu għat-tip ta' azzjonijiet stipulati fil-proċedura tal-għażla, l-AM assumew li huma kienu jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-programmi operazzjonali. Madankollu, l-AM ma ffukawx fuq il-kobor ta' dan il-kontribut.

Il-benefiċjarji ġew imħeġġa japplikaw għall-finanzjament

28. Biex jiġi żgurat assorbiment f'waqtu matul il-perjodu ta' programmazzjoni u fl-istess ħin jiġi żgurat fokus fuq ir-risultati, jeħtieġ li jkun hemm għadd suffiċjenti ta' offerenti li jistgħu jipprovdu applikazzjonijiet korretti. Il-promozzjoni ta' sejħa u gwida relatata mill-awtoritajiet maniġerjali għall-applikanti potenzjali huwa kriterju varjabbli importanti għad-

¹⁷ Il-Proġetti Nri 27, 28, 30, 31, 32, 33 u 34.

determinazzjoni tal-effettività kumplessiva tal-proċeduri tal-għażla. Popolazzjoni ta' applikanti aktar varjata tkun tista' tiżgura li jintgħażlu proġetti aħjar.

29. Il-miżuri bl-għan li jippromwovu sejħiet mingħand offerenti potenzjali tnejjew mill-awtoritajiet maniġerjali fuq il-bażi tar-reqwiziti ddettaljati stabbiliti fir-regolament tal-UE. Dawn ġew ippreżentati għall-approvazzjoni lill-Kumitati ta' Monitoraġġ bħala parti mill-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-programmi operazzjonali li hija meħtieġa mir-Regolament¹⁸.

30. Aħna sibna li l-AM kienu ħeġġew lill-benefiċjarji jipparteċipaw fil-proċeduri tal-għażla. L-ewwel nett, l-AM użaw bosta sorsi biex jippromwovu sejhja mingħand offerenti potenzjali. Dawn kienu jinkludu l-involviment tal-Kmamar tal-Kummerċ u tal-assoċjazzjonijiet lokali tan-negozju, kif ukoll ta' għodod online. L-AM serrġu wkoll fuq is-sħab biex jiċċirkolaw informazzjoni dwar is-sejħiet li kellhom isiru fuq in-netwerks tagħhom, ibbażat fuq l-għarfien miksub fil-kumitati ta' monitoraġġ.

31. Barra minn hekk, il-gwidi dwar il-finanzjament ipprovduti mill-awtoritajiet maniġerjali lill-applikanti kienu disponibbli pubblikament u, ħlief għal AM partikolari fiż-żmien meta sar l-awditu, kienu jistipulaw kundizzjonijiet ċari għall-għoti tal-appoġġ, ipprovdew informazzjoni dettaljata dwar il-proċedura għall-applikazzjoni u l-arranġamenti ta' finanzjament, u rreferew b'mod espliċitu għall-kriterji tal-għażla li kellhom jiġu applikati.

Il-proċeduri tal-għażla ġeneralment ma kinux jinvolve tqqabbil bejn l-applikazzjonijiet tal-proġetti, u dan irriżulta fir-riskju li ma jintgħażlux l-aħjar proġetti

32. Fl-analiżi tagħna tal-proċeduri, aħna vverifikajna li l-proġetti ppreżentati għall-finanzjament kienu vvalutati bi tqqabbil ma' xulxin. Din hija miżura oħra importanti biex jiġi żgurat li jintgħażlu l-proġetti li jkunu l-aktar orjentati lejn ir-riżultati.

33. Fil-qafas tal-ġestjoni kondiviża, il-proċeduri tal-għażla ġew iddefiniti mill-awtoritajiet maniġerjali u approvati mill-kumitati ta' monitoraġġ, ibbażat fuq reqwiziti fir-Regolamenti

¹⁸ L-Artikolu 116 u l-Anness XII(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

tal-UE¹⁹ u l-gwida tal-Kummissjoni²⁰. La r-Regolamenti tal-Fondi SIE u lanqas il-gwida tal-Kummissjoni ma jispeċifikaw it-tip ta' proċedura tal-għażla li għandha tintuża; din l-għażla titħalla fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet manigġerjali.

34. Mill-20 proċedura li eżaminajna, 10 kienu sejħiet temporanji għal proposti, 6 kienu sejħiet permanenti, 3 kienu proċeduri ta' għoti dirett, u waħda kienet sejħa mtennija (ara wkoll id-dettalji fl-**Anness III**). Aħna sibna li fil-proċeduri tal-għażla kollha ħlief waħda (IT, PO I-Pjemonte, Nru 13) ma kien sar l-ebda tqabbil bejn l-applikazzjonijiet tal-proġetti. B'risultat ta' dan, jista' jkun li l-finanzjament ma ġiex allokati għall-aħjar proġetti. Dan ġie mmitigat sa ċertu punt f'xi programmi operazzjonali li żorna, fejn kienet saret preselezzjoni informali (PO Franċiżi u Finlandiżi) jew formali (I-Italja, il-Pulja), li ppermettiet lill-AM jillimitaw il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-proġetti li kienu l-aktar adatti. Aħna sibna dan li ġej:

- Minn 20 proċedura, 15 kienu bbażati fuq il-prinċipju ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, fejn l-applikazzjoni ntgħażlet dment li kienet tissodisfa l-kriterji u dment li kien hemm biżżejjed finanzjament disponibbli. Minn dawn, 13 kienu ġew suġġetti għal preselezzjoni formali jew informali. Aħna osservajna li xi wħud minnhom kienu meħtieġa jilħqu punteġġ minimu biex jintgħażlu (ara l-proċeduri tal-għażla Nri 4 u 5 għall-OPEIC Ċek u Nri 16, 17, 18, 19 u 20 għall-PO Finlandiż).
- B'definizzjoni, fit-3 għotjiet diretti ma kienx hemm kompetizzjoni (ara l-proċeduri tal-għażla Nri 1, 3 u 12).
- F'każ partikolari (IT, PO I-Pjemonte, il-proċedura tal-għażla Nru 8)²¹, il-finanzjament kien ingħata lil proġetti li kienu diġà ntgħażlu matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti 2007-2013, sempliċiment billi ġiet estiża d-durata tagħhom. Dan ippermetta

¹⁹ L-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-Artikoli 34 u 125 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

²⁰ Linji gwida tal-Kummissjoni:
http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/information/legislation/guidance/.

²¹ PO I-Pjemonte, I-Italja, Sejħa "Obbligo d'istruzione" 2015/2016.

li l-KI jevita interruzzjonijiet għall-forniment ta' taħriġ liż-żgħażaġh, u ppermetteliu jibda jassorbi l-fondi. Madankollu, impedixxa l-parteċipazzjoni ta' applikanti potenzjali ġodda.

Il-kwalità tad-data ta' monitoraġġ tinsab f'riskju, u fil-biċċa l-kbira hija orjentata lejn l-outputs

35. Aħna vverifikajna li s-sistemi ta' monitoraġġ kienu jippermettu l-ġbir sistematiku ta' *data* dwar indikaturi speċifikati biex b'hekk seta' jitkejjel il-progress li jkun sar fil-livelli tal-proġett, tal-programm u tal-UE. Eżaminajna wkoll jekk dan kienx ġie rrapportat b'mod li jippermetti li jintwera s-suċċess tal-proġetti ffinanzjati, kif ukoll l-użu effettiv u effiċjenti tal-baġit tal-UE.

36. It-taqsimha li ġejja tinkludi l-valutazzjoni tagħna tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikun jista' jsir monitoraġġ u rappurtar dwar l-ilħuq tal-oġġettivi. L-ewwel aħna vverifikajna jekk l-AM kinux waqqfu sistemi ta' monitoraġġ li jiffunzjonaw qabel ma bdew jimplimentaw il-fondi. Qisna wkoll jekk l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni rrapportata mill-benefiċjarji kinitx affidabbli, kompleta u f'waqtha. Minbarra dan, aħna eżaminajna wkoll ir-rwol tal-awtoritajiet maniġerjali u tal-Kummissjoni.

37. Fl-aħħar nett, qisna jekk is-sistemi stabbiliti pproduċewx informazzjoni dwar il-prestazzjoni orjentata lejn ir-riżultati; speċifikament jekk iproduċewx informazzjoni aggregata ta' siwi, peress li dan huwa element ewlieni biex ikun jista' jsir rappurtar dwar l-użu effettiv ta' fondi fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE permezz tal-monitoraġġ u r-rappurtar annwali.

Huwa possibbli li l-aċċertament dwar il-kwalità tad-*data* ta' monitoraġġ ma jiġix ipprovdut fil-ħin għall-analiżi tal-prestazzjoni tal-2019

38. Il-monitoraġġ tal-progress ta' PO lejn l-oġġettivi tiegħu jsir fuq il-bażi tad-*data* li tinġabar minn diversi sorsi. Din id-*data* tiġi aggregata fil-livell tal-PO u tal-Istat Membru u tiffirma l-bażi għar-rapporti li jintbagħtu lill-kumitat ta' monitoraġġ tal-PO u lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi ppreżentata stampa korretta tas-sitwazzjoni fil-livell tal-PO jew tal-Istat Membru, huwa essenzjali li d-*data* li tinġabar tkun affidabbli, kompleta u f'waqtha. Biex jiksbu dan, l-AM jridu jwaqqfu sistema ta' monitoraġġ li tinkludi l-ġbir tad-*data* u kontrolli fuq is-sors tad-

data. Sabiex tikseb aċċertament dwar il-kwalità tad-*data*, il-Kummissjoni sserraħ fuq ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħha stess.

39. Fil-kuntest speċifiku tal-analiżi tal-prestazzjoni, huwa importanti wkoll li d-*data*, kif ukoll is-sistemi li jintużaw għall-produzzjoni tagħha, jiġu awditjati kmieni kemm jista' jkun, biex l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkun jistgħu jindirizzaw kull dgħufija li tinqabad rigward il-kwalità tad-*data*, ferm qabel it-tmiem ta' Ġunju 2019. Huwa f'dan il-punt, li r-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni (RAI) tal-2018 – il-bażi għall-analiżi tal-prestazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni – jintbagħtu lill-Kummissjoni.

Regoli estensivi tal-UE jistabbilixxu kif jenħtieġ li l-Istati Membri jwaqqfu s-sistemi tagħhom ta' monitoraġġ għall-perjodu 2014-2020

40. Bil-ħsieb li jinkisbu għbir u monitoraġġ sistematiċi tad-*data* prodotta fil-livell tal-PO, il-qafas regolatorju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 introduċa bosta bidliet li jikkonċernaw l-arranġamenti f'dan ir-rigward:

- L-AM jridu jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni u kontroll (MCS) li tkopri sistemi adegwati għar-rappurtar u l-monitoraġġ²².
- L-AM huma responsabbli għall-istabbiliment ta' sistema kompjuterizzata biex jirreġistraw id-*data* kollha relatata mal-indikaturi tal-PO²³ għal skopijiet ta' monitoraġġ u rappurtar.
- Skont l-EAC 7, l-AM jridu jistabbilixxu "sistema ta' indikaturi tar-risultati meħtieġa sabiex jintgħażlu azzjonijiet, li jikkontribwixxu bl-aktar mod effettiv għar-risultati mixtieqa, sabiex jiġi sorveljat il-progress lejn [dawk ir-]risultati"²⁴. Il-PO kienu meħtieġa juru li

²² L-Artikoli 72, 73 u 74 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

²³ L-Artikolu 125(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dan ir-rekwiżit huwa wkoll parti mis-Sistema ta' ġestjoni u kontroll, l-Artikolu 72(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

²⁴ Il-Kundizzjonalità *ex ante* Nru 7, l-Anness XI, il-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

wettqu l-kundizzjonalitajiet *ex ante* (EAC) kollha sal-31 ta' Diċembru 2016²⁵ (ara l-**paragrafu 4**).

- Sal-31 ta' Diċembru 2015²⁶, l-Istati Membri kienu meħtieġa jiżguraw li l-iskambji kollha tal-informazzjoni bejn il-benefiċjarji u AM, l-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni (ĊA), l-AAAs u l-korpi intermedjarji setgħu jitwettqu b'mod elettroniku²⁷.

41. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll gwida speċifika²⁸, għall-persunal tagħha u għall-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri, dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri, inkluża l-eżistenza ta' sistemi adegwati għall-monitoraġġ u r-rappurtar.

L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni mhux dejjem hija affidabbli, kompleta u f'waqtha, u dan għandu impatt fuq ir-rapporti ta' implimentazzjoni maħruġa mill-Istati Membri

Data rrappurtata mill-benefiċjarji

42. Għall-FEŻR, f'ħafna każijiet, id-*data* għall-indikaturi tar-riżultati tinġabar minn korpi nazzjonali tal-istatistika (ara l-eżempji fl-**Anness VI**). Il-bqija tad-*data* tiġi mingħand il-benefiċjarji. Għall-FSE, il-biċċa l-kbira tad-*data* tiġi rrappurtata permezz tad-*data* miġbura mingħand il-benefiċjarji (ara l-**Anness VII**). L-awtoritajiet maniġerjali jivverifikaw li d-*data* miġbura mingħand il-benefiċjarji tkun korretta fiż-żmien tal-ikkompletar ta' proġett, meta jirċievu r-rapport finali tagħhom. Matul l-implimentazzjoni ta' proġett, jistgħu jsiru wkoll kontrolli fuq il-post, fuq il-bażi ta' kampjuni.

²⁵ L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

²⁶ L-Artikolu 122 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

²⁷ L-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-użu effettiv tagħhom mill-benefiċjarji mhux obligatorju.

²⁸ EGESIF_14-0010-final 18/12/2014, Gwida għall-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri.

43. Għadd ta' kontrolli tal-plawżibbiltà u tal-konsistenza jitwettqu awtomatikament mis-sistemi stabbiliti fuq id-*data* pprovduta mill-benefiċjarji, speċjalment għall-FSE. L-AM għandhom ukoll għodod biex jimmonitorjaw jekk id-*data* pprovduta dwar il-parteċipanti tkunx kompleta, u b'hekk ikunu jistgħu jfakkru lill-benefiċjarji li jkunu ppreżentaw *data* inkompleta biex jipprovdu aktar informazzjoni.

44. L-awditu tagħna żvela problemi rigward il-kwalità tad-*data* miġbura. Aħna identifikajna problema ġenerali rigward il-kompletezza u l-korrettezza tad-*data* dwar parteċipanti f'azzjonijiet kofinanzjati mill-FSE. Din id-*data* hija klassifikata bħala sensittiva fil-leġislazzjoni nazzjonali²⁹, u għalhekk huwa f'idejn il-parteċipanti biex jiddeċiedu jekk jiddikjarawhiex jew le. Huwa wkoll diffiċli biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jivverifikaw il-preċiżjoni tagħha. Dgħufija addizzjonali rigward il-ġbir tad-*data* hija ppreżentata fil-**Kaxxa 2**.

Kaxxa 2 - Eżempju

*Problemi rigward il-puntwalità tad-*data**

Għall-PO nazzjonali Franċiż taħt l-FSE, il-benefiċjarji l-kbar ippreżentaw id-*data* tagħhom għall-perjodu 2014-2015 tard. Dan l-iżball ġie kkoreġut fl-2016, u rriżulta f'differenzi sinifikanti bejn il-valuri rrapportati fir-RAI 2015 u dawk irrapportati fir-RAI 2016 għas-sena 2015.

45. Fl-awditu tagħha dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar il-prestazzjoni (2014-2020), il-Kummissjoni rrapportat li kien hemm problemi oħra relatati mal-affidabbiltà tad-*data*, pereżempju:

- *data* mhux miġbura li wasslet biex ċerti kisbiet ma jiġux irreġistrati u b'hekk biex dawn ma jittiħdux inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-progress ta' PO, li rriżulta f'fehim skorrett tas-sitwazzjoni;
- nuqqas ta' fehim min-naħa tal-awtoritajiet maniġerjali rigward id-definizzjoni ta' indikaturi komuni (pereżempju, l-Indikatur Komuni tal-Outputs Nru 26, "Intrapriżi li

²⁹ Pereżempju informazzjoni dwar tagħrif eżistenti tal-parteċipant: migranti, sfond barrani, minoranzi inklużi minoranzi marġinalizzati bħar-Rom, parteċipanti b'diżabilitajiet, persuni oħra żvantaġġati.

jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet ta' riċerka") li rriżulta f'dikjarazzjoni eċċessiva tal-għadd ta' kumpaniji rrapportati għal dan l-indikatur;

- sar għadd doppju/ma ngħatax limitu massimu għall-valur tal-indikatur "popolazzjoni kkonċernata" fl-għadd ta' residenti taż-żona, li rriżulta f'valuri inkonsistenti.

Disponibbiltà u affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni

46. L-eżistenza ta' sistemi ta' monitoraġġ funzjonali fiż-żmien meta l-AM jibdedw jimplimentaw il-programmi hija element ewlieni biex jiġi żgurat li d-*data* dwar il-prestazzjoni tiġi ġġenerata fil-ħin, li min-naħa tiegħu jiżgura li jkun jista' jseħħ monitoraġġ.

47. L-approvazzjoni tardiva, f'Diċembru 2013, tal-qafas leġiżlattiv għall-perjodu 2014-2020 fil-livell tal-UE, dewmet l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT użati għall-monitoraġġ. Għall-indikaturi tal-FSE, minħabba l-kumplessità addizzjonali fir-rigward tas-sensittività tad-*data* u d-definizzjoni tal-indikaturi, kien meħtieġ li jsiru aktar diskussjonijiet li baqgħu sejrin matul parti sewwa tal-2014. Dan dewwem aktar il-finalizzazzjoni tas-sistemi tal-IT. F'żewġ każijiet kien hemm fatturi oħra li kkawżaw id-dewmien: ir-riorganizzazzjoni tar-reġjuni (Franza, PO Lorraine et Vosges), u t-tfassil ta' sistema ġdida unika tal-IT għall-fondi kollha SIE 2014-2020 fir-Repubblika Ċeka.

48. L-effetti tad-dewmien huma riflessi fil-livell ta' implimentazzjoni tal-EAC 7 dwar l-eżistenza ta' sistema ta' indikaturi tar-riżultati. Sa tmiem l-2016, id-*data* ta' skadenza għall-ikkompletar tal-pjanijiet ta' azzjoni, kien għad hemm 50 pjan li ma kinux ikkompletati, jiġifieri madwar 11 % tal-programmi operazzjonali kollha kienu għadhom ma ssodisfawx dan ir-rekwiżit. Madankollu, sa tmiem Frar 2018, il-pjanijiet ta' azzjoni kollha relatati mal-EAC 7 kienu ġew ikkompletati.

49. Fl-ewwel nofs tal-2017, ir-raba' sena wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, aħna sibna li xi wħud mis-sistemi tal-IT kienu għadhom mhumiex qed jiffunzjonaw għalkollox; dan jippreżenta riskju għall-kompletezza u għall-preċiżjoni tad-*data* miġbura (ara l-eżempji fil-

Kaxxa 3). Fl-awditu tagħha dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar il-prestazzjoni (2014-2020)³⁰, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għan-nuqqas ta' sistemi ta' skambju elettroniku tad-*data* mal-benefiċjarji, li wassal biex l-AM kellha tikkowdja manwalment id-*data* dwar l-indikaturi fis-sistema, sors potenzjali ta' żbalji klerikali.

Kaxxa 3 - Eżempji ta' sistemi tal-IT li għadhom mhumiex qed jiffunzjonaw għalkollox u riskji relatati

Ir-Repubblika Ċeka - OPE

- Problemi bit-trasferiment tad-*data* bejn l-Uffiċċju tax-Xogħol u l-PO. Kien biss mill-31.3.2017 li d-*data* bdiet tiġi rrapportata elettronicament lill-PO. Sa dak iż-żmien, id-*data* kienet qed tiġi kondiviża permezz ta' fajls tal-Microsoft Excel. Dan jipperikola t-trasferiment tad-*data* bejn is-sistemi, speċjalment minħabba l-ammont kbir ta' *data* li hija involuta.
- Ir-RAI 2016 kien l-ewwel RAI li kien fih *data* rilevanti.

L-AM skopriet inkonsistenzi fid-*data* rrapportata mis-sistema għar-RAI. Dan irrikjeda li d-*data* tiġi kkalkulata mill-ġdid u tiddaħħal manwalment fir-RAI.

L-Italja - PO l-Pulja

L-għodod li ntużaw għall-iskambju tad-*data* elettronicament mal-benefiċjarji ma kinux qed jaħdmu kif suppost fiż-żmien meta sar l-awditu³¹, u ma kien hemm l-ebda data fis-sistema għall-ġbir u l-ħżin tad-*data*. Id-*data* kienet sempliċiment maħżuna fuq il-kompjuters tal-persunal. B'riżultat ta' dan, l-aggregazzjoni tad-*data* bil-ħsieb li jiġi prodott ir-RAI 2016 (li kellu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2017) saret manwalment, f'fajls separati.

Rapporti ta' implimentazzjoni maħruġa mill-Istati Membri

50. L-AM jridu jippreżentaw Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni (RAI) lill-Kummissjoni għal kull PO, u dan jiġi approvat mill-Kumitat ta' Monitoraġġ. Ir-RAI jagħti informazzjoni

³⁰ Fuq il-bażi tal-20 awditu li twettqu mill-Kummissjoni dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar il-prestazzjoni u li fil-biċċa l-kbira saru fl-2017.

³¹ L-AM rnexxielha ttrisolvi din il-problema aktar tard matul l-2017.

ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-PO, l-aktar billi jipprovdi informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-indikaturi komuni u l-indikaturi speċifiċi għall-programm³². Ir-RAI 2016, li ġew ippreżentati f'Ġunju 2017, kienu l-ewwel rapporti mibgħuta lill-Kummissjoni dwar il-“progress li jkun sar lejn il-kisba tal-għanijiet tal-programm”³³. Il-Kummissjoni twettaq analiżi ta' kwalità tar-RAI (pereżempju, il-konsistenza tal-għadd ta' parteċipanti mal-popolazzjoni taż-żoni koperti).

51. Sa tmiem l-2017, 26 RAI kienu għadhom ma ġewx aċċettati mill-Kummissjoni minħabba li xi *data* għall-indikaturi użati fil-qafas ta' prestazzjoni kienet nieqsa, minħabba inkonsistenzi fid-*data* rrappurtata mqabbla mal-informazzjoni pprovduta dwar l-implimentazzjoni tal-PO, jew minħabba n-nuqqas ta' spjegazzjoni għal parti mid-*data* rrappurtata. Għal madwar 40 % tal-programmi operazzjonali taħt il-FEŻR, ma kien ġie rrappurtat l-ebda valur għall-indikaturi tagħhom tal-qafas ta' prestazzjoni fl-2017, u ma kienet saret l-ebda analiżi dwarhom mill-Kummissjoni fiż-żmien meta sar l-awditu.

52. In-nuqqasijiet identifikati fir-RAI jagħtu lok għal mistoqsijiet dwar l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta kif ukoll dwar il-livell ta' progress li ntlaħaq sa issa kif ippreżentat fid-dokumenti maħruġa mill-Kummissjoni bbażati fuq ir-RAI³⁴: ir-rapport annwali ta' sinteżi lill-Parlament u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni u, fl-2017 u fl-2019 biss, ir-rapport strateġiku ta' progress, li jiġbor fil-qosor il-progress li jkun sar.

³² L-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

³³ L-Artikolu 50(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

³⁴ Kif ukoll dwar ir-rapporti ta' progress tal-Istati Membri għall-2017. L-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ir-rapporti jridu jiġu ppreżentati sal-31 ta' Awwissu 2017 u l-31 ta' Awwissu 2019 u dawk dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fil-31 ta' Diċembru 2016 u l-31 ta' Diċembru 2018. Ir-rapporti ta' progress jippreżentaw “il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, kif ukoll tal-missjonijiet speċifiċi għall-fond imsemmija fl-Artikolu 4(1), permezz tal-kontribuzzjoni tal-Fondi ESI (SIE) għall-oġġettivi tematiċi magħżula, u partikolarment fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fil-qafas tal-prestazzjoni għal kull programm u għas-sostenn użat għall-oġġettivi marbutin mat-tibdil fil-klima”.

L-awditi dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u dwar l-affidabbiltà tad-*data* miġbura bdew tard, u dan illimita l-livell ta' aċċertament dwar is-sistemi ta' monitoraġġ u naqqas iż-żmien disponibbli biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet li ngabdu

53. Jeħtieġ li jsiru arranġamenti xierqa għall-verifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni biex tiġi żgurata l-kwalità tagħha u b'hekk, l-użu li jsir minnha fil-kuntest tal-monitoraġġ u r-rappurtar. Prattiki tajbin jirrikjedu li jitwettqu awditi tas-sistemi li jipproduċu d-*data* - u tal-azzjonijiet korrettivi assoċjati - u li dawn jiġu ffinalizzati qabel ma d-*data* tiġi inklużi fir-RAI u fir-rapporti strateġiċi.

54. Skont il-qafas leġiżlattiv, kemm l-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni³⁵ jawditjaw il-funzjonament tas-sistemi ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dawn l-awditi jiżguraw l-eżistenza ta' sistemi affidabbli għall-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-*data* dwar il-prestazzjoni, u jeżaminaw jekk din id-*data* tal-prestazzjoni tkunx affidabbli.

Valutazzjoni tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar

55. Matul l-istadji bikrija tal-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali twettqet valutazzjoni tas-sistemi stabbiliti fil-livell tal-AM, bħala parti mill-proċedura tal-ħatra³⁶. F'din il-proċedura, korp tal-awditjar indipendenti (ħafna drabi l-AA) kien meħtieġ jipproduċi

³⁵ Ara l-Artikoli 75 u 127(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 tal-20 ta' Jannar 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għar-rapport ta' progress, il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri, il-pjan ta' azzjoni konġunta, ir-rapporti ta' implimentazzjoni għall-Investiment għall-għan tat-tkabbir u l-impjiegi, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-istrateġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-awditu u r-rapport ta' kontroll annwali u l-metodoloġija għat-twettiq tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudell għar-rapporti tal-implimentazzjoni għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 38, 13.2.2015, p. 1) u EGESIF_14-0010-final 18/12/2014, Gwida għall-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri - rekwiżiti prinċipali 6 u 15.

³⁶ L-Artikoli 123 u 124 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

rapport u opinjoni dwar jekk l-AM kinux issodisfaw il-kriterji relatati mal-ambjent ta' kontroll intern, mal-ġestjoni tar-riskju, mal-attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll u mal-monitoraġġ³⁷. Il-ħatra kienet meħtieġa sseħħ qabel l-ewwel preżentazzjoni ta' pagament interim għall-programmi operazzjonali. B'hekk, mingħajr din il-ħatra, il-PO ma jstgħux jiġu rimborżati. F'dan l-istadju, l-awditu jkopri l-eżistenza ta' sistemi u proċeduri, iżda ma jkoprix l-implimentazzjoni tajba, li tiġi vverifikata fil-kuntest tal-awditi tas-sistemi mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar fuq is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

56. Minħabba l-approvazzjoni tardiva tal-programmi operazzjonali u l-finalizzazzjoni tardiva tas-sistemi tal-IT (ara l-**paraqrafu 47**), il-proċess tal-ħatra seħħ tard. Dan ġie affettwat ukoll minn fatturi nazzjonali (ir-riorganizzazzjoni tar-reġjuni fi Franza fl-2015, l-istrutturi ta' ġestjoni kumplessi - pereżempju, il-PON FSE Franċiż għandu 13-il awtorità maniġerjali delegata u 120 korp intermedjarju). Għall-PO eżaminati f'dan l-awditu, l-AM nħatru bejn Settembru 2016 u Frar 2018, aktar minn sentejn u erba' snin rispettivament wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni (ara l-**Anness IV**).

57. Minħabba l-implimentazzjoni tardiva tal-programmi operazzjonali u l-ammont limitat ta' *data* miġbura li rriżulta, l-awditi tas-sistemi kienu għadhom qed jibdeu fiż-żmien taż-żjarat tal-awditjar tagħna, jiġifieri matul l-ewwel nofs tal-2017. B'hekk, kwalunkwe problema rigward il-kwalità tad-*data* ma saritx evidenti qabel it-tieni nofs tal-2017. Dan kien kważi erba' snin wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin u sena u nofs qabel mar-RAI 2018, li jiffurmaw il-bażi għall-allokazzjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni, jintbagħtu lill-Kummissjoni.

L-awditi tal-Kummissjoni

58. Minbarra li tibbaża fuq ix-xogħol tal-awditjar tal-Istati Membri u s-sistemi li għandhom stabbiliti, il-Kummissjoni twettaq ukoll l-awditi tagħha stess. Hemm żewġ tipi: "awditi tas-sistemi ta' prevenzjoni bikrija", immirati lejn il-kisba ta' aċċertament raġonevoli fi stadju bikri tal-implimentazzjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu qed jiffunzjonaw tajjeb, u "awditi tal-prestazzjoni dwar l-affidabbiltà tad-*data*". Iżda minħabba d-dewmien imsemmi

³⁷ L-Artikoli 124(2) u l-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

qabel, u b'hekk, il-finalizzazzjoni tardiva tas-sistemi ta' monitoraġġ kif ukoll ir-rappurtar minimu tad-*data* rilevanti, dawn l-awditi twettqu aktar tard milli kien ipplanat. L-awditi ma setgħux jibdew qabel ma waslu r-RAI 2016, speċjalment fil-każ tal-FEŻR. Sa tmiem l-2017, b'kollox il-Kummissjoni rnexxielha twettaq 23 awditu fi 12-il Stat Membru: 12-il awditu tal-prestazzjoni dwar l-affidabbiltà tad-*data* u 11-il awditu tas-sistemi ta' prevenzjoni bikrija.

59. Għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-awditi, ir-rappurtar kien għadu qed isir fil-bidu tal-2018. Skont il-Kummissjoni, ir-riżultati preliminari għas-sistemi awditjati kienu pjuttost pożittivi, għalkemm ġew aċċennati xi nuqqasijiet. Madankollu, fl-istess waqt, madwar 40 % tal-PO taħt il-FEŻR ma rrapportawx valuri għall-indikaturi tagħhom tal-qafas ta' prestazzjoni³⁸ fir-RAI 2016 li ġew ippreżentati fl-2017. Għal dawn il-PO, sa Frar 2018, il-Kummissjoni ma kienet wettqet l-ebda awditu biex tiddetermina jekk in-nuqqas ta' rappurtar kienx dovut għal dewmien fl-implimentazzjoni jew għal nuqqas ta' sistema ta' rappurtar tad-*data* li tiffunzjona.

60. It-twettiq tardiv tal-awditi tas-sistemi jfisser li l-istampa ġenerali tal-istatus tas-sistemi ta' monitoraġġ mhix kompleta. Partikolarment fil-każ tan-nuqqasijiet, hemm ir-riskju li dawn jiġu identifikati tard u jista' ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex jiġu applikati l-aġġustamenti meħtieġa. Dan jipperikola l-implimentazzjoni tal-analiżi tal-prestazzjoni fl-2019, li se tkun ibbażata fuq id-*data* li tiġi rrapportata mill-Istati Membri fir-RAI 2018, sat-30 ta' Ġunju 2019.

Huwa possibbli li l-analiżi tal-prestazzjoni mhijjex ibbażata fuq stadji intermedji realistiki

61. Fil-programmi operazzjonali li żorna, fuq il-bażi tar-RAI 2015 jew tal-informazzjoni ta' monitoraġġ li kienet disponibbli fiż-żmien meta sar l-awditu, aħna osservajna li diġà kien hemm każijiet fejn il-PO kienu laħqu l-miri stabbiliti għall-2023, kif ukoll każijiet fejn kien hemm ir-riskju li dawn ma jintlaħqux. Għall-programmi operazzjonali li saritilhom żjara, ma kinux ġew ippreżentati talbiet għal emendi sabiex il-miri jiġu aġġustati għal valur aktar realistiku. Wieħed biss (ir-Repubblika Ċeka, OPEIC) kien diġà talab, u kiseb, emendi

³⁸ Indikaturi tal-prestazzjoni huma sett ta' indikaturi ddefiniti għal kull assi prijoritarju f'PO, u li fi tmiem l-2018 il-valuri tagħhom jiġu mqabbla mill-Kummissjoni ma' daww ta' stadji intermedji stabbiliti sabiex tittieħed deċiżjoni dwar ir-rilaxx tar-riżerva ta' prestazzjoni fl-2019.

prinċipalment fir-rigward ta' modifika fl-allokkazzjonijiet tal-fondi fi ħdan l-assi prijoritarji. Min-naħa l-oħra, skont il-Kummissjoni, fi Frar 2018, mis-17 480 indikatur li ntużaw fl-430 PO eżistenti, il-valur korrispondenti fil-mira għall-2023 kien ġie mmodifikat għal valur ogħla f'1445 każ u għal valur aktar baxx f'941 każ.

62. Dan jindika li għadd ta' stadji intermedji³⁹ tal-qafas ta' prestazzjoni ma għadhomx realistiki. F'każ li l-istadji intermedji jkunu jridu jiġu riveduti, dan ikun jeħtieġ li jsiru emendi għall-PO, li jistgħu jsiru biss fuq inizjattiva tal-Istati Membri⁴⁰. Minħabba d-durata tal-proċedura tal-emendar (li hija stabbilita għal tliet xhur fir-Regolament), hemm ir-riskju li l-valuri li jintlaħqu mill-indikaturi tal-qafas ta' prestazzjoni sa tmiem l-2018 ma jiġux imqabbla ma' stadji intermedji realistiki.

L-informazzjoni ġġenerata fuq il-bażi tad-*data* miġbura għadha fil-biċċa l-kbira orjentata lejn l-outputs

63. L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tinġabar biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jużawha għal skopijiet ta' rappurtar, sabiex jagħtu rendikont ta' dak li jkun inkiseb permezz tal-finanzjament.

64. L-indikaturi tar-riżultati u l-miri stabbiliti fil-ftehimiet ta' għotja ffirmati bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet maniġerjali huma essenzjali biex titkejjel il-kisba tar-riżultati. Madankollu, bosta kwistjonijiet ewlenin fl-istruttura tas-sistemi ta' monitoraġġ qed jaffettwaw il-kejl u l-monitoraġġ tal-kontribut min-naħa tal-proġetti għall-ilħuq tal-objettivi tal-programmi operazzjonali.

³⁹ L-istadji intermedji huma l-valuri ssettjati għall-indikaturi tal-qafas ta' prestazzjoni li jridu jintlaħqu sa tmiem l-2018.

⁴⁰ Ara l-Artikolu 30(1) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, l-Anness II, u l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) Nru 215/2014.

Struttura li sserraħ prinċipalment fuq l-indikaturi tal-output, speċjalment fis-snin bikrija tal-implimentazzjoni għall-FEŻR, u nuggas ta' indikaturi tar-riżultati kwantifikati ddefiniti fil-livell tal-proġett

65. L-istruttura attwali tippermetti li jsir ġbir aktar sistematiku tad-*data* għal għadd ta' indikaturi ddefiniti tajjeb, minkejja li l-għadd ta' indikaturi huwa għoli ħafna. L-eżistenza ta' indikaturi komuni tippermetti wkoll li din id-*data* tiġi aggregata fil-livelli tal-PO, tal-Istati Membri u tal-UE. Madankollu, fl-istruttura tal-qafas loġiku għall-FEŻR, ħafna mill-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-PO mhumiex direttament relatati mal-interventi ffinanzjati. Dawn l-indikaturi ħafna drabi jkunu indikaturi nazzjonali li jieħdu inkunsiderazzjoni l-influenza ta' fatturi esterni, u s-sorsi tagħhom ikunu prinċipalment l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika (ara l-eżempji fil-***Kaxxa 4*** kif ukoll l-***Anness VI***). Dawn l-indikaturi tar-riżultati ma jizolawx l-impatt attribwibbli għall-interventi tal-FEŻR, u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala riżultati immedjati tal-programmi operazzjonali.

Kaxxa 4 - Eżempji ta' indikaturi tar-riżultati li għalihom id-*data* tinġabar minn statistika ppubblikata aktar milli minn proġetti ffinanzjati

Franza, PO Grand Est:

- Assi prijoritarju 2; OT 3, prijorità ta' investiment A: żvilupp tal-SMEs:

Indikatur speċifiku tar-riżultati: evoluzzjoni tal-investiment industrijali favur SME fir-reġjun

Sors: Banque de France.

Ir-Repubblika Ċeka, OPEIC:

- Assi prijoritarju 2; OT 3, prijorità ta' investiment 3b: żieda fl-esportazzjonijiet tal-SMEs:

Indikatur speċifiku tar-riżultati: perċentwal ta' esportazzjonijiet fil-fatturat totali tal-kumpaniji

Sors: Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ.

Il-Finlandja, PO Tkabbir sostenibbli u xogħlijiet:

- Assi prijoritarju 1, OT 3, prijorità ta' investiment 3d:

Indikatur speċifiku tar-riżultati: Indiċi tad-dinamiċità tan-negożju

Sors: Uffiċċju nazzjonali tal-istatistika tal-Finlandja.

66. Biex jiġi mmitigat il-fatt li r-riżultati ġġenerati mill-proġetti taħt il-FEŻR ħafna drabi jimmaterjalizzaw (ferm) wara l-ikkompletar ta' proġett, fi żmien fejn ma jsirx monitoraġġ tal-proġetti, l-AM jkun jridu jwettqu evalwazzjonijiet fil-livell tal-assi prijoritarju⁴¹. Mill-inqas darba matul il-perjodu ta' programmazzjoni, dawn l-evalwazzjonijiet jivvalutaw kif l-appoġġ mill-Fondi SIE jkun ikkontribbwixxa għall-oġġettivi għal kull prijorità. Iżda minħabba l-bidu tardiv tal-implimentazzjoni, l-għadd ta' evalwazzjonijiet li diġà twettqu għadu limitat. B'konsegwenza ta' dan, għalissa l-progress tal-PO qed jitkejjel prinċipalment permezz tal-indikaturi tal-output.

⁴¹ L-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

67. Fil-livell tal-proġetti, aħna sibna li l-indikaturi tar-riżultati ma ssemmewx sistematikament fil-ftehimiet ta' għotja (ara l-**paragrafu 25**). Mit-18-il proġett taħt il-FEŻR li ġew eżaminati f'dan l-awditu, 6 biss⁴² kienu jinkludu indikaturi tar-riżultati fl-applikazzjonijiet u għaldaqstant, fil-ftehim ta' għotja. Madankollu, dawn l-indikaturi tar-riżultati ma kinux l-istess bħal dawk li ntużaw fil-livell tal-PO. Dan ifisser li ma jistgħux jintużaw għal skopijiet ta' rappurtar jew biex ikejlu l-progress li jkun sar fl-ilħuq tal-obiettivi tal-PO. F'erba' każijiet oħra⁴³, l-indikaturi tar-riżultati ma kinux kwantifikati (jiġifieri ma ngħatat l-ebda mira) u għalhekk ma setgħetx issir valutazzjoni tal-kontribut tagħhom għall-obiettivi tal-PO, li llimita l-kejl ta' kemm il-proġett kiseb l-outputs tiegħu.

68. Għall-proġetti taħt l-FSE, l-indikaturi tar-riżultati ssemmewx f'7 minn 16-il proġett. Għall-proġetti l-oħra, ir-riżultati deskritti jew ma kinux relatati mal-indikaturi tal-PO, jew ma kinux kwantifikati. Għal kwalunkwe proġett partikolari huwa impossibbli biex il-valur li jkun intlaħaq jitqabbel ma' valur fil-mira stmat. Madankollu, fil-każ tal-FSE, anki jekk ir-riżultati u l-indikaturi tar-riżultati ma jkunux kwantifikati jew iddefiniti fil-livell tal-proġetti, il-valuri għall-indikaturi komuni tar-riżultati xorta waħda jkunu qed jitkejlu, peress li l-benefiċjarji tal-proġetti jkunu jridu jirrapportaw dik id-*data* fis-sistemi tal-IT tal-AM.

69. Preċedentement, fir-rapporti annwali tagħna, aħna semmejna n-nuqqas ta' indikaturi tar-riżultati ddefiniti fil-livell tal-proġetti⁴⁴. Dan jagħmilha diffiċli li jitkejjel u li jiġi mmonitorjat il-punt sa fejn il-proġetti jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-obiettivi tal-PO.

⁴² Il-Proġetti Nri 27, 28, 31, 32, 33 u 34.

⁴³ Il-Proġetti Nri 6, 7, 8, u 9.

⁴⁴ Eż. ir-RA 2015 - il-Kapitolu 6, il-paragrafu 6.86, "L-indikaturi tar-riżultati ma ġewx definiti għal 38 % tal-proġetti". Jew ir-RA 2016 - il-Kapitolu 6, il-paragrafu 6.56, "Għal 42 % tal-proġetti ma kienx possibbli li jiġi identifikat u mkejjejjel kontribut speċifiku għall-obiettivi ġenerali tal-programmi, peress li ma ġewx iddefiniti indikaturi tar-riżultati jew miri fil-livell tal-proġetti".

Ir-rilaxx tar-riżerva ta' prestazzjoni huwa bbażat fuq indikaturi li fil-biċċa l-kbira huma orientati lejn l-inputs u l-outputs

70. L-Istati Membri jistgħu juru li jkun sar progress fl-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' stadji intermedji (li jridu jintlaħqu sal-2018) u valuri fil-mira (li jridu jintlaħqu sal-2023) għal tliet tipi ta' indikaturi: indikaturi finanzjarji, indikaturi tal-output u indikaturi tar-riżultati. Dawn jistgħu jkunu kkomplementati mill-użu ta' passi ewlenin tal-implimentazzjoni (KIS) biex jitkejjel il-progress li jkun sar fi proġetti li jkunu għaddejjin jew li jkunu skedati li jinbdew, iżda li għalihom ma jkunx probabbli li jista' jinkiseb xi output sa Diċembru 2018. B'mod ġenerali, l-indikaturi użati fil-qafas ta' prestazzjoni jridu jkunu rappreżentattivi tal-azzjonijiet taħt l-assi prijoritarju. Sabiex ir-riżerva ta' prestazzjoni tiġi rilaxxata, il-valuri li jintlaħqu fi tmiem l-2018 għal dawn l-indikaturi jridu jkunu bejn 75 % u 85 % tal-valur tal-istadju intermedju.

71. Kif jidher f'rapport preċedenti tal-QEA⁴⁵, il-maġġoranza l-kbira tal-indikaturi li ntużaw fil-qafas ta' prestazzjoni taħt il-politika ta' koeżjoni kienu relatati mal-output (57 %), mal-passi ewlenin tal-implimentazzjoni (9 %) u mal-indikaturi finanzjarji (33 %), filwaqt li l-użu tal-indikaturi tar-riżultati baqa' marġinali. B'hekk, fil-parti l-kbira, ir-rilaxx tar-riżerva se jibqa' orjentat lejn l-inputs u l-outputs, u mhux se jkun iffukat fuq ir-riżultati (ara wkoll il-**paraġrafu 62**).

Il-biċċa l-kbira tar-rappurtar li jsir fil-livell tal-UE jikkonċerna l-indikaturi tal-output

72. L-objettiv prinċipali tar-rapport strateġiku 2017 tal-Kummissjoni⁴⁶, li jinkludi r-rapport annwali ta' sinteżi għall-2017 imfassal abbażi tar-RAI 2016, huwa li jirrapporta dwar il-progress li sar mill-Fondi SIE lejn l-ilħuq tal-objettivi ta' UE2020. Madankollu, ir-rapport prinċipalment jippreżenta l-livell ta' implimentazzjoni kif ukoll il-valuri li ntlejha għall-indikaturi prinċipali tal-output sa tmiem l-2016. Huwa ma jippreżenta l-ebda informazzjoni dwar il-kisba ta' riżultati, ħlief għall-indikaturi tar-riżultati taħt l-FSE li ġejjin: l-għadd ta'

⁴⁵ Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2017.

⁴⁶ COM(2017) 755 final tat-13 ta' Diċembru 2017 "Rapport strateġiku tal-2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej".

parteċipanti li sabu impjeg immedjatament wara t-taħriġ, u l-għadd ta' parteċipanti li kisbu kwalifika immedjatament wara t-taħriġ. Għall-FEŻR, dan huwa dovut ukoll għall-fatt li ma hemm l-ebda indikatur komuni tar-riżultati; b'hekk, dawk li jintużaw fil-livell tal-Istat Membru ma jistgħux jiġu aggregati.

73. Kif irrappurtajna reċentement, hemm problema fundamentali li taffettwa b'mod partikolari lill-indikaturi tar-riżultati. Fil-fatt, l-indikaturi tar-riżultati taħt il-FEŻR u l-FSE jkejlu elementi differenti b'modi differenti⁴⁷. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "riżultat" huwa interpretat b'mod differenti fir-regolamenti speċifiċi għall-fondi. L-indikaturi tar-riżultati taħt il-FEŻR ma jistgħux jintużaw biex ikejlu r-riżultati immedjati tal-programmi operazzjonali. Minbarra dan, l-għadd kbir ta' indikaturi tal-prestazzjoni differenti jippreżenta sfida reali għall-għbir u r-rappurtar tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni⁴⁸.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

74. Għalkemm l-istruttura tal-programmi operazzjonali issa hija aktar orjentata lejn ir-riżultati, b'loġika ta' intervent aktar b'saħħitha u sett estensiv ta' indikaturi, b'mod ġenerali aħna nikkonkludu li l-għażla tal-proġetti taħt il-FEŻR u l-FSE mhijiex orjentata għalkollox lejn ir-riżultati u li l-monitoraġġ li ġie stabbilit għadu aktar orjentat lejn l-outputs.

Il-proċeduri tal-għażla ma kinux orjentati lejn ir-riżultati f'aspetti importanti

75. Għall-programmi operazzjonali li żorna, il-proċeduri tal-għażla ntużaw biex jappoġġaw l-għażla ta' proġetti rilevanti għall-oġettivi ta' dawn il-PO. Madankollu, ma jinkludux b'mod sistematiku l-kriterji tal-għażla li jirrikjedu d-definizzjoni ta' indikaturi tar-riżultati kwantifikati fil-livell tal-proġetti korrispondenti għal dawk fil-livell tal-PO. B'konsegwenza, l-indikaturi tar-riżultati rarament kienu inklużi fl-applikazzjonijiet; anki meta dan kien il-każ, ma kinux neċessarjament jikkorrispondu għall-indikaturi tal-PO, jew inkella ma kinux kwantifikati.

⁴⁷ Ara r-Rapport Speċjali Nru 2/2017, il-paragrafu 150.

⁴⁸ Ara r-Rapport Speċjali Nru 2/2017, il-paragrafu 131.

Barra minn hekk, terz biss mir-rapporti ta' valutazzjoni kien jinkludi valutazzjoni speċifika tar-riżultati mistennija fir-rigward tal-obiettivi tal-PO (ara l-**paragrafi 18 sa 27**).

76. Aħna sibna li l-AM kienu pprovdew informazzjoni komprensiva dwar il-programmi operazzjonali, dwar l-aċċess għall-finanzjament mill-UE, u dwar il-proċeduri tal-għażla permezz ta' bosta mezzi. Ġeneralment, il-benefiċjarji kienu infurmati sew, jew setgħu jibbażaw fuq l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet speċjalizzati (ara l-**paragrafi 28 sa 31**).

77. Madankollu, waħda biss mill-20 proċedura li eżaminajna kienet tinvolvi l-għoti ta' punteġġi u klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet bi tqabbil ma' xulxin. Il-proġetti ġeneralment ġew approvati fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel. B'riżultat ta' dan, jista' jkun li l-finanzjament ma ġiex allokat għall-aħjar proġetti (ara l-**paragrafi 32 sa 34**).

Għad baqa' riskji fir-rigward tal-kwalità tad-data ta' monitoraġġ li għadha aktar orjentata lejn l-outputs milli lejn ir-riżultati

78. B'segwitu għall-adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv, aħna sibna li wħud mis-sistemi ta' monitoraġġ tal-programmi operazzjonali ma kinux qed joperaw fil-bidu tal-programm u lanqas ma kienu qed joperaw kompletament fiż-żmien meta sar l-awditu. B'konsegwenza ta' dan, id-*data* ddaħħlet manwalment u fi stadju aktar tard. Il-ġbir tad-*data* wkoll seħħ barra mis-sistemi tal-IT, u dan irriżulta fi żbalji li, f'xi każijiet, kellhom impatt fuq id-*data* ppreżentata fir-RAI (ara l-**paragrafi 35 sa 52**).

79. L-adozzjoni tardiva tal-qafas regolatorju, fil-biċċa l-kbira tal-PO, wasslet biex l-implimentazzjoni tibda tard. Sa tmiem l-2016, kien inġabar biss ammont limitat ta' *data* fis-sistemi tal-IT. B'konsegwenza ta' dan, l-awditi meħtieġa biex jingħata aċċertament dwar is-sistemi ta' monitoraġġ u dwar l-affidabbiltà u d-disponibbiltà tad-*data*, fil-biċċa l-kbira nbdew fl-2017. Ir-riżultati ta' dawn l-awditi ma sarux disponibbli qabel tmiem l-2017, erba' snin wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin. Dan ifisser li l-aċċertament li nkiseb dwar id-*data* ta' monitoraġġ sa issa huwa biss parzjali. B'hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex stampa ġenerali tal-funzjonament tas-sistemi ta' monitoraġġ, inklużi s-sistemi tal-IT. L-analiżi tal-prestazzjoni se sseħħ fl-2019 u fiż-żmien li għad baqa', hemm ir-riskju li l-miżuri korrettivi li jridu jsiru ma jkunux jistgħu jiġu kkompletati fil-ħin, u li l-analiżi tal-prestazzjoni mhux se tkun ibbażata fuq informazzjoni tajba (ara l-**paragrafi 53 sa 60**).

80. Aħna sibna li għadd ta' stadji intermedji tal-qafas ta' prestazzjoni ma għadhomx realistiċi. F'każ li l-istadji intermedji jkunu jridu jiġu riveduti, ma hemm l-ebda ċertezza li l-emendi meħtieġa tal-PO jkunu jistgħu jsiru fil-ħin għall-analiżi tal-prestazzjoni (ara l-**paragrafi 61 u 62**).

81. Rigward l-indikaturi tar-risultati, dawk taħt il-FEŻR u l-FSE jkejlu elementi differenti b'modi differenti. Fil-fatt, il-kunċett ta' "risultat" huwa interpretat b'mod differenti fir-regolamenti speċifiċi għall-fondi. Għaż-żewġ fondi, aħna identifikajna r-riskju li jista' jkun ma jkunx fattibbli li ssir aggregazzjoni siewja tad-*data* dwar il-prestazzjoni (b'mod partikolari fir-rigward tar-risultati) fil-livell tal-UE⁴⁹. Barra minn hekk, aħna rrakkomandajna⁵⁰ li jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni ta' "outputs" u ta' "risultati" (ara l-**paragrafu 73**).

82. Għall-FEŻR, ħafna mill-indikaturi tar-risultati spiss jużaw sorsi oħra, bħal *data* minn uffiċċji nazzjonali tal-istatistika. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet ikejlu l-kisbiet bi tqabbil mal-objettivi tal-programmi operazzjonali. Madankollu, minħabba l-bidu tardiv tal-implimentazzjoni, ftit kien hemm evalwazzjonijiet disponibbli fiż-żmien meta sar l-awditu tagħna. B'konsegwenza ta' dan, fil-każ tal-FEŻR huwa diffiċli li jiġi mmonitorjat sa liema punt il-proġetti jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-PO (ara l-**paragrafi 63 sa 69**). Din il-problema tapplika wkoll għall-FSE, peress li ħafna ftehimiet ta' għotja ma jinkludux indikaturi tar-risultati kwantifikati.

83. B'mod simili, l-indikaturi tal-output u dawk finanzjarji fil-biċċa l-kbira jiffurmaw il-bażi tal-qafas ta' prestazzjoni. Dan ifisser li r-rilaxx tar-riżerva ta' prestazzjoni se jkun prinċipalment ibbażat fuq dawn it-tipi ta' indikaturi aktar milli fuq ir-risultati miksuba u l-progress reali li sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-PO. Apparti dan, l-informazzjoni ppubblikata fir-rapporti tal-Kummissjoni hija fil-biċċa l-kbira relatata mal-outputs, ħlief għall-FSE fejn jingħata l-valur aggregat għal xi wħud mill-indikaturi tar-risultati (ara l-**paragrafi 70 sa 72**).

⁴⁹ Ara r-Rapport Speċjali Nru 2/17, il-paragrafu 150.

⁵⁰ Ara r-Rapport Speċjali Nru 2/17, ir-Rakkomandazzjoni 3.

Rakkomandazzjoni 1 – Għażla orjentata lejn ir-riżultati

Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u verament orjentat lejn ir-riżultati għall-għażla tal-proġetti, jenħtieġ li l-Istati Membri:

- (a) ikollhom kriterji tal-għażla li jirrikjedu li l-benefiċjarji jiddefinixxu tal-inqas indikatur wieħed reali tar-riżultati ibbażat fuq definizzjoni komuni ta' x'jikkostitwixxi "riżultat" għall-proġett tagħhom, inklużi linja bażi u mira. Jenħtieġ li dan l-indikatur tar-riżultati jikkontribwixxi għall-indikaturi tar-riżultati stabbiliti fil-livell tal-PO;
- (b) jinkludu valutazzjoni ta' dawn ir-riżultati mistennija u tal-indikaturi fir-rapport ta' valutazzjoni għall-applikazzjonijiet;
- (c) meta jkunu qed jiddeċiedu dwar il-proċeduri tal-għażla li għandhom jintużaw, jiżguraw li jsir tqabbil bejn l-applikazzjonijiet tal-proġetti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-2019 'il quddiem għal sejħiet futuri għal proposti.

Rakkomandazzjoni 2 - Monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati

- (a) Sabiex jippermettu li jsir monitoraġġ tal-kontributi tal-proġetti għall-obiettivi tal-PO, jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu indikaturi tar-riżultati kwantifikati fil-ftehim ta' għotja, li jikkontribwixxu għall-indikaturi tar-riżultati stabbiliti fil-livell tal-PO.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-2019 'il quddiem għal sejħiet futuri għal proposti.

- (b) Sabiex il-qafas ta' monitoraġġ tal-FEŻR isir aktar orjentat lejn ir-riżultati, u b'mod partikolari biex tippermetti l-aggregazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni,

jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi indikaturi komuni tar-riżultati għal dan il-fond, ibbażati fuq definizzjoni komuni ta' "riżultati".

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tnejn tal-QFP li jmiss.

Rakkomandazzjoni 3 - Rappurtar dwar il-prestazzjoni u tnejn tal-analiżi tal-prestazzjoni fl-2019

Sabiex ittejjeb il-mod kif tirrapporta dwar il-prestazzjoni u sabiex twettaq analiżi tal-prestazzjoni siewja b'*data* affidabbli u stadji intermedji realistiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) ikollha stampa ġenerali tad-dgħufijiet u l-inċertezzi prinċipali relatati mas-sistemi ta' monitoraġġ tal-programmi operazzjonali bbażata fuq awditi mwettqa kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-awtoritajiet tal-awditjar (l-awditi tas-sistemi/l-awditi ta' affidabbiltà tal-prestazzjoni meħtieġa);
- (b) tiżgura li l-emendi tal-PO li jintalbu mill-Istati Membri f'dak li jirrigwarda reviżjonijiet iġġustifikati tal-istadji intermedji tal-qafas ta' prestazzjoni jiġu pproċessati fil-ħin għall-analiżi tal-prestazzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: qabel il-finalizzazzjoni tal-analiżi tal-prestazzjoni.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sinjura Iliana IVANOVA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Ġunju 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

ANNEX I**Lista ta' proġetti magħżula għal dan l-awditu***(ammonti f'EUR miljun)*

Nru	Deskrizzjoni tal-Proġett	Għotjiet riċevuti preċedentement	Ammont totali ta' investiment	Ammont tal-Għotja tal-UE	Fond	OT (a)	AP (b)	PI/OS (c)	Dati tal-bidu u t-tmiem	Outputs u riżultati miksuba	Nru tal-proċedura tal-għażla (ara l- <i>Annex III</i>)
Ir-Repubblika Ċeka - PO Impjegi (OPE) 2014CZ05M9OP001 (ammonti f'miljun CZK)											
1	"Opportunitajiet ta' impjegi ġodda" (Sejħa dwar l-istrumenti tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol)	Iva	4 011	3 304.6	FSE	8	1.1	1.1.1	1.4.2015 għadu għaddej	Parteċipanti li għandhom impjeg: 14 304	1
2	Ċentru ta' kura għat-tfal tal-età ta' qabel l-iskola #1 (Sejħa dwar l-appoġġ għall-ħolqien u l-operat ta' servizzi ta' kura ta' matul il-jum għat-tfal tal-età ta' qabel l-iskola, għal kumpaniji u l-pubbliku li jinsabu 'l barra mill-Belt ta' Praga)	Iva	4.9	4.2	FSE	8	1.2	1.2.1	1.1.2016 - 31.12.2017	Postijiet fl-iskola preprimarja: 24	2
3	Ċentru ta' kura għat-tfal tal-età ta' qabel l-iskola #2(a)(Sejħa dwar l-appoġġ għall-ħolqien u l-operat ta' servizzi ta' kura ta' matul il-jum għat-tfal tal-età ta' qabel l-	Iva	4.1	3.4	FSE	8	1.2	1.2.1	1.1.2016 - 31.12.2017	Postijiet fl-iskola preprimarja: 20	2

Nru	Deskrizzjoni tal-Proġett	Għotjiet riċevuti preċedentement	Ammont totali ta' investiment	Ammont tal-Għotja tal-UE	Fond	OT (a)	AP (b)	PI/OS (c)	Dati tal-bidu u t-tmiem	Outputs u riżultati miksuba	Nru tal-proċedura tal-għażla (ara l- <i>Anness III</i>)
	iskola għal kumpaniji u l-pubbliku, li jinsabu 'l barra mill-Belt ta' Praga)										
4	Ċentru ta' kura għat-tfal tal-età ta' qabel l-iskola #2(b)(Sejħa dwar l-appoġġ għall-ħolqien u l-operat ta' servizzi ta' kura ta' matul il-jum għat-tfal tal-età ta' qabel l-iskola għal kumpaniji u l-pubbliku, li jinsabu 'l barra mill-Belt ta' Praga)	Iva	4.9	4.2	FSE	8	1.2	1.2.1	1.1.2016 - għadu għaddej	Postijiet fl-iskola preprimarja: 20 Għadd ta' persuni li jużaw il-faċilitajiet ta' kura għat-tfal: 30	2
5	"Appoġġ għal servizzi soċjali magħżula (djar tal-asil, ċentri ta' matul il-jum, eċċ) f'reġjun wieħed"	Iva	411.8	350	FSE	9	2.1	2.1.1	1.1.2016 - għadu għaddej	Realizzazzjoni effettiva: MA għalissa, il-proġett għadu fil-fażi tal-bidu	3

Nru	Deskrizzjoni tal-Proġett	Għotjiet riċevuti preċedentement	Ammont totali ta' investiment	Ammont tal-Għotja tal-UE	Fond	OT (a)	AP (b)	PI/OS (c)	Dati tal-bidu u t-tmiem	Outputs u riżultati miksuba	Nru tal-proċedura tal-għażla (ara l-Anness III)
Ir-Repubblika Ċeka - PO Intraprenditorija u Innovazzjoni għall-Kompetittività (OPEIC) 2014CZ16RFOP001 (ammonti f' miljun CZK)											
6	Appoġġ għall-esportazzjonijiet ta' kumpaniji	Iva	1.2	0.6	FEŻR	3	2.1	3b OS 2.2	3.7.2015 - 10.5.2016	Għadd ta' parteċipazzjonijiet f'wirjiet u fieri barra mill-pajjiż: 3 (iżda dejjem l-istess kumpanija) appoġġ mogħti lil kumpanija waħda Għotjiet riċevuti preċedentement: 12-il proġett OPPI CZK 265.2 miljun 4 għotjiet għall-fieri CZK 53 miljun	4
7	Parteċipazzjonijiet ġewwa fieri kummerċjali barra mill-pajjiż fl-2016	Iva	3.3	1.6	FEŻR	3	2.1	3 b OS 2.2	9.9.2015 - 21.12.2016	Għadd ta' parteċipazzjonijiet f'wirjiet u fieri barra mill-pajjiż: 3 (iżda dejjem l-istess kumpanija) appoġġ mogħti lil kumpanija waħda Għotjiet riċevuti preċedentement: 8 proġetti OPPI CZK 117.3 miljun proġett wieħed OPLZZ CZK 5.3 miljun	4
Ir-Repubblika Ċeka - PO Intraprenditorija u Innovazzjoni għall-Kompetittività (OPEIC) 2014CZ16RFOP001 (ammonti f' miljun CZK)											
8	Bini ta' sala tal-produzzjoni għat-taqsim tax-xogħol fl-injam	Iva	8.6	3.8	FEŻR	3	2.1	3 c OS 2.2	1.11.2015 - 25.1.2016	Għoti ta' ħajja ġdida lis-sit tal-kumpanija (844 m ²) Għadd ta' kumpaniji li jużaw l-infrastruttura ġdida: 1 Għotjiet riċevuti preċedentement:	5

Nru	Deskrizzjoni tal-Proġett	Għotjiet riċevuti preċedentement	Ammont totali ta' investiment	Ammont tal-Għotja tal-UE	Fond	OT (a)	AP (b)	PI/OS (c)	Dati tal-bidu u t-tmijem	Outputs u riżultati miksuba	Nru tal-proċedura tal-għażla (ara l- <i>Anness III</i>)
										CZK 7.2 miljun	
9	Rikostruzzjoni ta' Binja	Iva	21.2	7.4	FEŻR	3	2.1	3 c OS 2.2	7.9.2015 - 6.9.2016	Għoti ta' ħajja ġdida lis-sit tal-kumpanija (2721 m ²) Għadd ta' kumpaniji li jużaw l-infrastruttura ġdida: 1 Għotjiet riċevuti preċedentement: 12-il proġett OPPI CZK 123.7 miljun, proġett wieħed OPLZZ CZK 2.2 miljun	5
Franza - PO FEŻR/FSE Lorraine et Vosges - 2014FR16M0OP015											
10	Akkwiżizzjoni ta' attività tal-istampar (minħabba l-irtirar tas-sid preċedenti)	Le	2	0.04	FEŻR	3	2	2.3A	18.9.2014 - 12.10.2015	Għadd ta' intrapriżi li jirċievu appoġġ: 1 Impjiegi: + 2	6
11	Akkwist ta' tagħmir għall-produzzjoni (eż.: pressa ta' 140 tunnellata b'sistema ta' injezzjoni doppja)	Le	0.6	0.05	FEŻR	3	2	2.3A	1.1.2014 - 31.12.2016	Għadd ta' intrapriżi li jirċievu appoġġ: 1 Impjiegi: + 2	6
	67101: Għadd ta' istituzzjonijiet ta' sostenn appoġġati			5	CR08: Parteċipanti 'l fuq mill-età ta' 54 sena, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, impjegati 6 xhur wara li ntemmet il-parteċipazzjoni tagħhom			143			138		
	80500: Għadd ta' dokumenti analitiċi u strateġiċi miktuba u ppubblikati (inklużi dawk ta' evalwazzjoni)			18	CR09: Parteċipanti żvantaġġati impjegati 6 xhur wara li ntemmet il-parteċipazzjoni tagħhom, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom			455			832		
	67401: Servizzi soċjali ġodda jew innovattivi relatati mal-akkomodazzjoni			247	<i>Indikaturi speċifiċi:</i> 67010: Użu ta' servizzi appoġġati			16 000			74 000		
				67110: Għadd ta' istituzzjonijiet anċillari li baqgħu joperaw anke wara li ntemm l-appoġġ			2			5			

AP/PI	Indikaturi tal-outputs	M	F	Total	Indikaturi tar-riżultati u sors	Linja bażi			Mira (2023)			Sejħa	Proġett
						M	F	Total	M	F	Total		
	10210: Għadd ta' intrapriżi soċjali stabbiliti bis-saħħa tal-appoġġ mogħti 67300: Għadd ta' parteċipanti li nġataw konsulenza dwar l-intraprenditorija soċjali			138 80	62910: Parteċipanti impjegati, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, 12-il xahar wara li telqu 67310: Parteċipanti preċedenti ta' proġetti fejn l-intervent permezz ta' ħidma soċjali qeda l-iskop tiegħu inklużi dawk li jaħdmu għal rashom 10211: Għadd ta' intrapriżi soċjali stabbiliti bis-saħħa tal-appoġġ, li baqgħu joperaw wara li ntemm l-appoġġ			333 27 914 100			430 62 558 92		
FRANZA - PO NAZZJONALI TAĦT L-FSE 2014FR05SFOP001													
AP3 9i	CO01: Persuni qiegħda, inklużi dawk qiegħda fit-tul CO03: Parteċipanti inattivi <i>Indikaturi speċifiċi:</i> 9i3: Għadd ta' nisa 9i4: Għadd ta' parteċipanti minn distretti ta' prijorità mill-politika tal-Belt 9i5: Għadd ta' proġetti bl-għan li jikkoordinaw u jiffaċilitaw l-offertà relatata mal-inklużjoni soċjali 9i7: Għadd ta' proġetti bl-għan li jiġu mmobilizzati l-impjegaturi mis-setturi kummerċjali u mhux kummerċjali			1 400 000 675 000 1 000 000 230 000	CR02: Parteċipanti li segwew taħriġ biex jiksbu kwalifika wara li ntemmet il-parteeċipazzjoni tagħhom CR03: Parteċipanti li kisbu kwalifika wara li ntemmet il-parteeċipazzjoni tagħhom CR04: Parteċipanti impjegati, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, wara li ntemmet il-parteeċipazzjoni tagħhom <i>Indikaturi speċifiċi :</i> R91.4: Għadd ta' azzjonijiet għall-koordinazzjoni u l-iffaċilitar li ġew implimentati R91.6: Għadd ta' organizzazzjonijiet b'utilità soċjali u għadd ta' impjegaturi li rċevew appoġġ			91 322 25 961 281 063			180 000 52 500 575 000	8 u 9	14 u 15
AP 1 8iii	<i>Indikaturi speċifiċi :</i> 8iii1: Għadd ta' intraprendituri jew ta' xerrejja li rċevew appoġġ 8iii2: Għadd ta' intraprendituri nisa li rċevew appoġġ			340 400 129 200	<i>Indikaturi speċifiċi (l-ebda indikatur komuni għal dan l-oġjettiv speċifiku) il-valuri għall-kategoriji differenti tar-reġjuni huma akkumulati:</i> R83.1: Għadd ta' negozji li nħolqu R83.2: Għadd ta' negozji li nħolqu minn distretti ta' prijorità mill-politika tal-Belt					90 000 9 000	11	17	

AP/PI	Indikaturi tal-outputs	M	F	Total	Indikaturi tar-riżultati u sors	Linja bażi			Mira (2023)			Sejħa	Proġett
						M	F	Total	M	F	Total		
	8iii3: Għadd ta' intraprendituri minn distretti ta' prijorità mill-politika tal-Belt li rċevew appoġġ			34 000	R83.3: Għadd ta' attivitajiet ta' kondivizzjoni miksuba R83.4: Għadd ta' negozji li nħolqu minn nisa						36 000		
L-ITALJA - PO I-PJEMONTE- 2014IT05SFOP013													
AP 1 1.8i	CO01: Persuni qiegħda, inklużi dawk qiegħda fit-tul CO23: Għadd ta' mikrointrapriżi u SMEs appoġġati	9 900	10 600	20 500	CR06: Parteċipanti żvantaġġati li kellhom impjieg, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, sitt xhur wara li ntemm it-taħriġ	34	36	35	45	45	45	13	19 u 20
AP 1 1.8i	CO01: Persuni qiegħda, inklużi dawk qiegħda fit-tul CO23: Ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u medji appoġġati (inklużi kooperattivi u negozji soċjali)												
AP 1 1.8ii	CO01: Persuni qiegħda, inklużi dawk qiegħda fit-tul CO03: Parteċipanti inattivi CO06: Parteċipanti taħt l-età ta' 25 sena	8 500 13 300 18 150	8 500 7 700 12 550	17 000 21 000 30 700	CR06: Parteċipanti żvantaġġati li kellhom impjieg, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, sitt xhur wara li ntemm it-taħriġ	30.5	30.5	30.5	40.5	40.5	40.5	14	21 u 22
IL-FINLANDJA - PO Tkabbir sostenibbli u xogħlijiet (2014FI16M2OP001)													
AP 3 8i	<i>Indikaturi speċifiċi:</i> Għadd ta' parteċipanti taħt l-età ta' 30 sena qiegħda jew barra mill-forza tax-xogħol Għadd ta' parteċipanti 'l fuq mill-età ta' 54 sena qiegħda jew barra mill-forza tax-xogħol			26 000 8 600	<i>Indikatur speċifiku:</i> Parteċipanti taħt l-età ta' 30 sena li kellhom impjieg meta telqu mill-miżura (sors: statistics Finland) Parteċipanti 'l fuq mill-età ta' 54 sena li kellhom impjieg meta telqu mill-miżura			2013: 23 17			30 23	18	29
AP5 9i	CO02: Persuni qiegħda fit-tul CO04: Persuni mingħajr impjieg u li ma kinux qed jitħarrġu CO20: Għadd ta' proġetti implimentati jew implimentati parzjalment mis-sħab soċjali jew minn organizzazzjonijiet ċivili			11 250 4 100 55	<i>Indikatur speċifiku:</i> Kapaċità għax-xogħol u kapaċità funzjonali mtejba tal-parteċipanti (Analiżi separata)			2012: 5.5			5.9	18	30

Didaskalija: CO: indikatur komuni tal-outputs; CR: indikatur komuni tar-riżultati; M: raġel; F: mara.

ANNEX VIII**Outputs u riżultati fil-proċeduri tal-għażla u fl-applikazzjonijiet eżaminati**

(a)	(b)	Hemm kriterji tal-għażla dwar l-indikaturi tar-riżultati / ir-riżultati mistennija?	Hemm indikaturi kwantifikati fl-applikazzjonijiet?		Hemm valutazzjoni tal-indikaturi u tal-valuri pprovduti?	
			Indikaturi tal-output li jikkorrispondu għal dawk fil-livell tal-PO u kwantifikati	Indikaturi tar-riżultati li jikkorrispondu għal dawk fil-livell tal-PO u kwantifikati	Output	Riżultati
Ir-Repubblika Ċeka - OPE 2014CZ05M9OP001						
1	1	Ir-riżultati mistennija jridu jiġu deskritti, l-indikaturi tar-riżultati jridu jissemmew u jkunu jikkorrispondu għall-indikaturi tal-PO iżda ma hi meħtieġa l-ebda mira / kwantifikazzjoni			Użu ta' "spejjeż unitarji" (c)	MA, l-ebda informazzjoni dwar ir-riżultati
2	2					
3	3					
	4					
	5					MA, l-ebda informazzjoni dwar riżultati
Ir-Repubblika Ċeka - OPEIC 2014CZ16RFOP001						
4	6	Ir-riżultati mistennija jridu jiġu deskritti, l-indikaturi tar-riżultati jridu jissemmew u jkunu jikkorrispondu għall-indikaturi tal-PO iżda ma hi meħtieġa l-ebda mira / kwantifikazzjoni		Applikazzjonijiet li jipprovdu deskrizzjoni tar-riżultati mistennija u tal-kontribut tagħhom għall-oġettivi tal-PO, l-ebda kwantifikazzjoni tal-indikatur tar-riżultati relatata mal-PO	Huma vinkolanti u jissemmew fil-ftehim ta' għotja	Valutazzjoni użata għall-għoti ta' punteġġi
	7					
5	8					
	9					
Franza - PO Lorraine et Vosges 2014FR16M0OP015						
6	10	Ir-riżultati mistennija jridu jiġu deskritti (il-proġetti jridu juru kif jikkontribwixxu għall-kisba tal-indikaturi)		Applikazzjonijiet li jipprovdu deskrizzjoni tar-riżultati mistennija u tal-kontribut tagħhom għall-oġettivi tal-PO		Valutazzjoni limitata tar-riżultati mistennija fir-rapporti ta' valutazzjoni
	11					
	13					

(a)	(b)	Hemm kriterji tal-għażla dwar l-indikaturi tar-riżultati / ir-riżultati mistennija?	Hemm indikaturi kwantifikati fl-applikazzjonijiet?		Hemm valutazzjoni tal-indikaturi u tal-valuri pprovduti?	
			Indikaturi tal-output li jikkorrispondu għal dawk fil-livell tal-PO u kwantifikati	Indikaturi tar-riżultati li jikkorrispondu għal dawk fil-livell tal-PO u kwantifikati	Output	Riżultati
7	12					Valutazzjoni limitata tar-riżultati mistennija fir-rapporti ta' valutazzjoni (l-indikatur tar-riżultati ma ġiex ivvalutat)
Franza - PON FSE 2014FR05SFOP001						
8	14	Mhux mitluba espliċitament iżda dawn huma meħtieġa fl-applikazzjoni b'format standard		Iżda l-indikaturi tar-riżultati huma differenti mill-indikaturi tar-riżultati tal-PO		
9	15			(Ġew ipprovduti wkoll indikaturi li huma differenti minn dawk tal-PO)		
10	16			Iżda l-indikaturi tar-riżultati huma differenti mill-indikaturi tar-riżultati tal-PO		
11	17		L-indikaturi tal-output mhumiex relatati mal-indikaturi tal-PO u mhumiex kwantifikati	Informazzjoni kwalitattiva biss dwar ir-riżultati mistennija	Ir-rilevanza tal-indikaturi użati biss ġiet ivvalutata	Ir-rilevanza tal-indikaturi użati biss ġiet ivvalutata
12	18			(Ġew ipprovduti wkoll indikaturi li huma differenti minn dawk tal-PO)	Konsistenza mal-ammont tal-għotja	
L-Italja - PO I-Pjemonte 2014IT05SFOP013						
13	19 u 20				Użu ta' spejjeż unitarji (c)	MA, l-ebda informazzjoni dwar ir-riżultati
14	21 u 22					
L-Italja - PO I-Pulja 2014IT16M2OP002						
15	23 u 24	Talba għar-riżultati mistennija permezz tal-pjan tan-negozju biss		Applikazzjonijiet li jipprovdu deskrizzjoni tar-riżultati		Valutazzjoni tar-riżultati mistennija deskritti iżda b'dgħufijiet
16	25 u 26					

(a)	(b)	Hemm kriterji tal-għażla dwar l-indikaturi tar-risultati / ir-risultati mistennija?	Hemm indikaturi kwantifikati fl-applikazzjonijiet?		Hemm valutazzjoni tal-indikaturi u tal-valuri pprovduti?	
			Indikaturi tal-output li jikkorrispondu għal dawk fil-livell tal-PO u kwantifikati	Indikaturi tar-risultati li jikkorrispondu għal dawk fil-livell tal-PO u kwantifikati	Output	Risultati
				mistennija u tal-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-PO		
II-Finlandja - PO Tkabbir sostenibbli u xogħlijiet 2014F116M2OP001						
17 FEŻR	27, 28 31, 32 33, 34	Iżda ma jikkorrispondux għall-indikaturi tal-PO	L-ebda informazzjoni dwar l-indikaturi tal-output iżda d- <i>data</i> tista' tinkiseb direttament mis-sistema tal-IT		MA, l-ebda informazzjoni dwar l-outputs	Iżda l-indikaturi ma jikkorrispondux għall-indikatur tal-PO
	29	Iżda għall-FEŻR ma jikkorrispondux għall-indikatur tal-PO				Valutazzjoni użata għall-għoti ta' punteġġi
18 FSE	30			MA, l-ebda informazzjoni dwar ir-risultati		
19 FSE/FEŻR		MA, l-ebda proġett ma ġie eżaminat taħt dawn il-proċeduri tal-għażla				
20 FSE/FEŻR						

IVA
 Parzjalment
 LE
 MA: mhux applikabbli

Nota: (a) Ara l-lista ta' proċeduri tal-għażla fl-**Anness III**. (b) Ara l-lista ta' proġetti eżaminati fl-**Anness I**. (c) Spejjeż unitarji hija metodoloġija li tintuża biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' spejjeż eliġibbli f'każijiet fejn dan l-ammont ikun daqs l-output li jkun irid jintlaħaq (pereżempju l-għadd ta' postijiet li jridu jinħolqu fi skola materna; hawn l-output huwa l-għadd ta' postijiet li nħolqu) immultiplikati bl-ispiża unitarja għal kull post.

Sors: (1) Dokumentazzjoni għall-proċeduri tal-għażla. (2) Applikazzjonijiet ippreżentati għall-proġetti eżaminati matul dan l-awditu. (3) Rapporti ta' valutazzjoni għal dawn l-applikazzjonijiet.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

“SELEZZJONI U MONITORAĠĠ GĦALL-PROĠETTI FEŻR U FSE FIL-PERJODU 2014-2020 GĦADHOM PRIMARJAMENT ORJENTATI LEJN L-OUTPUTS”

SOMMARJU EŻEKUTTIV

IV. Is-selezzjoni tal-proġetti hija r-responsabbiltà esklussiva tal-Istati Membri (SM). L-arranġamenti ta' monitoraġġ, kif ukoll il-kisbiet irrapportati fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni (Annual Implementation Reports- AIRs) u rapporti dwar il-progress, jippermettu li ssir valutazzjoni tal-progress lejn l-oġġettivi kwantifikati mil-miri għall-indikaturi tal-output u tar-riżultati kif programmat fil-programmi operazzjonali (PO) (li jinkludu linji ta' referenza u miri). Il-valutazzjonijiet jippermettu li ssir valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-oġġettivi tal-politika.

L-ewwel punt: Il-Kummissjoni tqis li hemm differenza bejn ir-riżultati diretti tal-proġetti ffinanzjati u r-riżultati li jridu jinkisbu fil-livell tal-PO (riflessi mill-indikaturi tar-riżultati).

Fir-rigward tal-bażi tal-għażla ta' proġetti, il-Kummissjoni tqis li f'ħafna tipi ta' għajjnuna, ikun hemm aktar effiċjenza jekk jiġu stabbiliti livelli limiti tal-kwalità u jiġu aċċettati l-proġetti kollha li jissodisfaw dan il-livell limitu milli jiġi applikat metodu ta' tqabbil dirett tal-applikazzjonijiet. L-approċċ tal-aħħar jista' jwassal għal numru kbir ta' applikazzjonijiet inizjali tal-proġett li fih innifsu mhux bilfors iwassal għal kwalità globali aħjar tal-proġett u jwassal għal piż amministrattiv bla bżonn għall-awtoritajiet maniġerjali u għall-applikanti.

It-tieni punt: L-awditjar tas-sistemi ta' monitoraġġ jistgħu jsiru biss b'mod utli biss ladarba tkun inġabret u ġiet aggregata *data* suffiċjenti fuq il-proġetti implimentati u rapport mibgħut lill-Kummissjoni. Fil-każ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), minħabba li l-proġett idum aktar, dan jispjega l-bidu aktar tard tar-rapportar u, għalhekk, l-awditjar fuq l-affidabilità tal-valuri rappurtati. Il-Kummissjoni se tkompli l-awditi tagħha stess matul l-2018 u tagħmel aktar sforz sabiex tqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet ta' awditjar dwar l-importanza li tingħata garanzija fuq l-affidabilità tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tad-*data* qabel ir-rieżami tal-prestazzjoni.

Is-sistemi ta' monitoraġġ jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jenħtieġ li jlestu kollox skont ir-rekwiżiti regolatorji. Il-Kummissjoni baqgħet tagħmel kull sforz possibbli biex tagħti gwida u għajjnuna Prattika (pereżempju dokument ta' gwida għall-monitoraġġ, laqgħat tal-imsieħba għall-evalwazzjoni, iċ-Ċentru ta' Appoġġ għad-*Data* tal-FSE) lill-Istati Membri biex iwaqqfu sistemi ta' monitoraġġ b'saħħithom.

It-tielet punt: Il-Kummissjoni tqis li l-qafas għall-monitoraġġ stabbilit issa aktar ixeqleb lejn ir-riżultati.

Ir-rapport Strateġiku tal-2017 huwa bbażat fuq rapporti tal-Istati Membri sa tmiem l-2016. Minħabba l-bidu kajman tal-implimentazzjoni tal-programm, għadu kmieni wisq biex isir rapport fuq ir-riżultati. Sakemm joħroġ ir-rapport strateġiku l-ġdid, il-valuri tal-kisba għall-indikaturi komuni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment (il-Fondi SIE) huma disponibbli fuq il-pjattaforma tad-*Data* Miftuħa.

V.

It-tieni punt: Id-definizzjoni ta' indikaturi tar-riżultati, li tapplika għall-Fondi kollha, hija nkluża fl-Artikolu 2 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (Common Provisions Regulation - CPR) għall-perjodu ta' perjodu ta' programmazzjoni wara l-2020.

Il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 tinkludi lista ta' indikaturi komuni ta' riżultat għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar u mal-kunċett ta' “riżultati” użati taħt il-Fond Soċjali

Ewropew (FSE). Dawn l-indikaturi tar-riżultati jkejlu l-effetti fuq il-benefiċjarji, anke daww fuq żmien qasir, tal-interventi appoġġati.

Il-linji gwida u l-kaxxa tal-għodda tar-Regolamentazzjoni Aħjar jipprovdu definizzjonijiet ta' indikaturi tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti, kif ukoll il-konnessjonijiet tagħhom mal-objettivi.

It-tielet punt: Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex ittejjeb l-affidabbiltà tad-*data*. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jippreżentaw l-emendi għall-PO rilevanti meħtieġa biex tirrevedi l-miri u t-tragwardi sat-30 ta' Ġunju 2018 sabiex tiżgura l-ipproċessar fil-ħin tagħhom.

OSSERVAZZJONIJIET

16.

Ir-raba' punt: Fir-rigward tal-bażi tal-għażla ta' proġetti, il-Kummissjoni tqis li f'ħafna tipi ta' assistenza, ikun hemm aktar effiċjenza jekk jiġu stabbiliti livelli limiti tal-kwalità u jiġu aċċettati l-proġetti kollha li jissodisfaw dan il-livell limitu milli jiġi applikat metodu ta' tqabbil dirett tal-applikazzjonijiet. L-approċċ tal-aħħar jista' jwassal għal numru kbir ta' applikazzjonijiet inizjali tal-proġett li fih innifsu mhux bilfors iwassal għal kwalità globali aħjar tal-proġett u jwassal għal piż amministrattiv bla bżonn għall-awtoritajiet maniġerjali u għall-applikanti.

25. Il-Kummissjoni tqis li hemm differenza bejn ir-riżultati diretti tal-proġetti ffinanzjati u r-riżultati li jridu jinkisbu fil-livell tal-PO (riflessi mill-indikaturi tar-riżultati). Filwaqt li r-riżultati diretti huma influwenzati biss mill-azzjoni kofinanzjata, l-indikaturi tar-riżultat huma affettwati minn fatturi esterni differenti mhux fil-kontroll tal-awtoritajiet ta' ġestjoni. Loġika ta' intervent imfassla sew tiżgura li l-outputs u r-riżultati diretti tal-proġetti magħżula jikkontribwixxu sabiex jinkisbu r-riżultati mistennija tal-OP.

26. L-għażla tal-proġetti hija r-responsabbiltà esklussiva tal-awtoritajiet ta' ġestjoni li jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla u japplikawhom meta jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-fondi.

27. Il-kriterji tal-għażla mhux bilfors irid ikollhom il-marki tar-riżultati mistennija. Il-loġika ta' intervent tal-programm tfisser kif l-outputs tal-proġetti individwali jikkontribwixxu biex jiġu miksuba r-riżultati mistennija tal-OP.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 25.

28. Mhix meħtieġa għażla vasta ta' applikanti, skont il-qasam ta' politika.

32. Il-Kummissjoni tqis li f'ħafna tipi ta' għajjnuna, ikun hemm aktar effiċjenza jekk jiġu stabbiliti livelli limiti tal-kwalità u jiġu aċċettati l-proġetti kollha li jissodisfaw dan il-livell limitu milli jiġi applikat metodu ta' tqabbil dirett tal-applikazzjonijiet. F'tipi oħra ta' assistenza, proċedura kompetittiva tal-għażla jista' jkun ma tikkontribwixxix għall-miri speċifiċi tal-PO (pereżempju proġetti ta' infrastruttura tat-trasport jew proġetti ta' muniċipalitajiet fejn il-kompetizzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi/il-muniċipalitajiet mhix meħtieġa).

34. Il-Kummissjoni tinnota li fil-każ tal-Finlandja l-proċedura kienet tinkludi l-allokkazzjoni ta' marka minima sabiex tiżgura li jintagħżlu biss proġetti ta' kwalità. It-tqabbil bejn il-proġetti ma jwassalx għal aktar kwalità ħlief jekk ma kienx hemm biżżejjed finanzjament biex jintagħżlu l-proġetti kollha.

Il-Kummissjoni tqis li l-kwalità tal-proġetti magħżula tiddependi aktar fuq il-kriterji tal-għażla applikati milli mit-tip ta' proċedura tal-għażla.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 16.

44. Il-klassifikazzjoni timxi skont ir-regoli applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Tabilħaqq, fil-każ ta' kategorija speċjali ta' *data* (*data* sensitiva), il-parteċipant jista' jirrifjuta li jiddikjara. Madankollu, skont il-gwida għall-monitoraġġ tal-FSE, l-awtorità ta' ġestjoni (MA) trid

iżżomm kont tat-tentattiv ta' ġbir. Barra minn hekk, id-Direttiva tistipula li soġġett għad-dispożizzjoni ta' salvagwardji xierqa, l-Istat Membru jista', għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, jistabbilixxi eżenzjonijiet għall-kunsens tal-parteċipant.

Tenut kont tad-dritt tal-parteċipanti li jirrifjutaw il-kunsens, ir-rekords tal-parteċipazzjoni reġistri huma meqjusa bħala kompluti jekk tiġi mniżżla d-*data* mhux sensittiva kollha.

Ir-rekwiżit minimu għar-rekords ta' parteċipazzjoni kompluti bid-*data* kollha mhux sensittiva ġie ċċarat fid-dokument ta' gwida tal-FSE.

Kaxxa 2 - Eżempji

L-awtorità ta' ġestjoni Franċiża ħadet miżuri immirati lejn awtoritajiet ta' ġestjoni delegati, korpi intermedjarji (IB) u benefiċjarji biex tħeġġeġ il-ġbir u s-sottomissjoni fil-ħin tad-*data*, kif rakkomandat mill-Kummissjoni u l-evalwazzjonijiet nazzjonali. Il-korrezzjoni tad-*data* fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni (AIRs) ippermettiet li jiġu rrapportati 'l fuq minn 925 000 parteċipant fi tmiem l-2016.

Kaxxa 3 - Eżempji ta' sistemi tal-IT li għadhom mhux kompletament funzjonali u r-riskji relatati

L-ewwel punt: Il-Kummissjoni tissorvelja l-ħin kollu l-prestazzjoni tas-sistema unika ta' monitoraġġ tal-IT Ċeka għall-POs kollha. Dan il-punt ġie diskuss b'mod regolari waqt il-laqgħat ta' segwitu tal-Ftehim ta' Sħubija mal-Awtorità Nazzjonali ta' Koordinazzjoni li hija responsabbli għall-funzjonament tas-sistema ta' monitoraġġ tal-IT tal-Fondi SIE.

It-tieni punt: Il-kwistjoni mqajma mill-QEA (Qorti Ewropea tal-Awdituri) hija f'konformità mar-risultati tal-awditjar ta' affidabilità tad-*data* ta' prestazzjoni tal-Kummissjoni ta' dan il-programm.

52. In-nuqqasijiet fl-AIRs mhux bilfors iqajmu dubji dwar l-affidabbiltà tad-*data* rrapportata. Meta l-Kummissjoni jkollha dubji dwar il-valuri tal-indikatur irrappurtati, il-kwistjoni titqajjem fl-ittri ta' osservazzjoni dwar l-AIRs. Kull riżultat rilevanti mill-awditjar jiġi segwit ukoll.

53. Id-*data* ta' prestazzjoni jenħtieġ li tiġi vverifikata mill-awtorità ta' ġestjoni qabel ma tiġi nkluża fl-AIR. Min-naħa l-oħra, l-awditjar tas-sistema (mill-awtorità tal-awditjar jew il-KE) jista' jitwettaq b'mod aktar utli wara s-sottomissjoni tal-AIR, sabiex jippermetti l-ittestjar retrospettiv tad-*data* sottomessa lill-Kummissjoni, sabiex jipprovdri garanzija dwar l-affidabbiltà tas-sistema kollha għall-ġbir, l-aggregazzjoni u r-rapportar tad-*data* inkluż l-aħħar pass tas-sottomissjoni tad-*data* lill-KE permezz tal-SFC2014.

Il-bażi ġuridika, madankollu, ma tagħtix biżżejjed ħin biex tiġi awditjata d-*data* AIR kollha qabel ma jinħarġu l-AIRs u r-rapporti strateġiċi. L-aktar *data* riċenti, korretta u aġġornata dejjem tkun fuq il-Pjattaforma ta' *Data* Miftuħa.

60. Sabiex tnaqqas ir-riskju li tirreferi għalih il-QEA f'dan il-paragrafu, l-Kummissjoni se tkompli l-awditi tagħha stess matul l-2018 u tagħmel sforz ikbar sabiex tqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet ta' awditjar dwar l-importanza li tingħata garanzija fuq l-affidabbiltà tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tad-*data* qabel ir-rieżami tal-prestazzjoni.

61. Valutazzjoni li tgħodd fuq il-kisba fqira tal-miri stabbiliti għall-2023 tista' ssir biss ladarba tiġi sodisfatta l-iskadenza għall-kisba tal-miri.

Il-konnessjoni, l-abbinament jew il-modifika tal-allokazzjonijiet bejn assi prijoritarji, kif ukoll ir-reviżjonijiet 'il fuq u 'l isfel tal-valuri fil-mira għall-2023 jistgħu jkunu qarrieqa għaliex, filwaqt li tali modifiki tal-allokazzjonijiet bejn assi prijoritarji tabilħaqq iwasslu "naturalment" għal bidliet fil-valuri fil-mira, hemm raġunijiet oħra li jistgħu jiġġustifikaw il-bidla fil-valuri fil-mira tal-2023.

62. L-Istati Membri jistgħu jipproponu reviżjonijiet tal-istadji importanti u l-miri meta jseħħu bidliet f'allokazzjonijiet għal prijorità partikolari jew f'każijiet debitament iġġustifikati previsti fir-

Regolamenti (l-Artikolu 30(1) RDK, Anness II RDK, Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 215/2014).

Sabiex jiġi żgurat li tali emendi għall-PO jiġu ppreżentati u pproċessati f'waqthom qabel l-aħħar tal-2018 u biex jiġu evitati bidliet fil-qafas tal-prestazzjoni maħsuba biex sempliċement jaġġustaw il-valuri għall-implimentazzjoni reali fil-prattika, l-Istati Membri ġew mistiedna uffiċjalment jippreżentaw kwalunkwe talba ta' dan it-tip sat-30 ta' Ġunju 2018. Il-valutazzjoni ta' dawn it-talbiet ta' emenda tal-PO issegwi proċedura standard sabiex jiġi żgurat trattament konsistenti.

65. Il-qafas loġiku għall-FEŻR fil-perjodu 2014–2020 jqis il-fatt li l-kisba tal-oġġettivi stabbiliti għall-programmi kienet dovuta għall-miżuri kofinanzjati mill-intervent pubbliku, pereżempju mill-Fondi, kif ukoll minn fatturi oħra. Għalhekk, filwaqt li l-indikaturi tar-riżultat juru dwar jekk l-indikaturi humiex qiegħdin jimxu fid-direzzjoni mixtieqa, biex jiġu mifruda l-effetti tal-intervent mill-UE mill-kontribuzzjoni ta' fatturi oħra u biex jiġi mifhum kif qed jaħdem programm trid issir valutazzjoni tal-impatt.

69. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 25.

71. Il-qafas ta' prestazzjoni jiddependi minn diversi indikaturi varji sabiex ikun żgurat li l-programmi qiegħdin iwasslu dak li jkun sar qbil fuqu. L-indikaturi tar-riżultati jistgħu ma jkunux xierqa (għall-FEŻR/FK), għaliex iż-żmien meta r-riżultati jkunu jistgħu jinkisbu u jinġabru mis-sistema ma jkunx kompatibbli mal-iskeda obligatorja għal allokkazzjoni utli tar-riżerva ta' prestazzjoni.

72. Il-kisbiet kollha tal-indikaturi komuni tal-Fondi SIE kif rappurtati mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni huma disponibbli pubblikament fil-Pjattaforma tad-*Data* Miftuħa.

Ir-rapport Strateġiku tal-2017 huwa bbażat fuq rapporti tal-Istati Membri sa tmiem l-2016. Minħabba l-bidu kajman tal-implimentazzjoni tal-programm, għadu kmieni wisq biex isir rapport fuq ir-riżultati.

73. Id-definizzjoni ta' indikaturi tar-riżultati, li tapplika għall-Fondi kollha, hija nkluża fl-Artikolu 2 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (Common Provisions Regulation - CPR) għall-perjodu ta' programmazzjoni wara l-2020.

Il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 tinkludi lista ta' indikaturi komuni ta' riżultat għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar u mal-kunċett ta' "riżultati" użati taħt il-FSE. Dawn l-indikaturi tar-riżultati jkejlu l-effetti fuq il-benefiċjarji, anke dawk fuq żmien qasir, tal-interventi appoġġati.

Il-kuntesti tal-FSE u l-FEŻR huma fundamentalment differenti. Madankollu, il-Kummissjoni waqqfet grupp interservizz biex jindirizza d-differenzi tal-indikaturi fost il-Fondi SIE kollha. B'dan il-mod, jintlaħaq l-aktar livell għoli ta' konsistenza fir-rigward tal-kunċetti, tenut kont tan-natura differenti tal-operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi SIE.

Il-linji gwida u l-kaxxa tal-għodda tar-Regolamentazzjoni Aħjar jipprovdu definizzjonijiet ta' indikaturi tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti, kif ukoll il-konnessjonijiet tagħhom mal-oġġettivi.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

74. Il-Kummissjoni tqis li l-qafas għall-monitoraġġ stabbilit issa aktar ixeqleb lejn ir-riżultati.

Ir-Regolament Delegat 480/2014 jirrikjedi r-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' *data* ta' monitoraġġ, b'mod partikolari il-valuri fil-mira tal-indikatur tal-output u tar-riżultat (oqsma tad-*data* 33 u 38) u l-valuri tal-kisba fil-livell operattiv.

Fil-kuntest tal-Fondi SIE, l-outputs u r-riżultati jiġu mkejla, monitorjati u rappurtati b'mod regolari u ndaqs permezz pereżempju tar-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali. L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jirrapportaw kemm parzjalment jew għalkollox fuq operazzjonijiet

kompluti skont id-dispożizzjonijiet regolatorji. Barra minn hekk, minħabba t-tul ta' parteċipazzjonijiet, l-indikaturi tar-riżultati huma rrapportati b'ċertu dewmien meta mqabbla ma' indikaturi tal-output. Il-valuri tal-kisba tal-indikaturi komuni tal-Fondi SIE kollha huma disponibbli fil-Pjattaforma tad-*Data* Miftuħa.

75. Il-Kummissjoni tqis li hemm differenza bejn ir-riżultati diretti tal-proġetti ffinanzjati u r-riżultati li jridu jinkisbu fil-livell tal-PO (riflessi mill-indikaturi tar-riżultati). Filwaqt li r-riżultati diretti huma influwenzati biss mill-azzjoni kofinanzjata, l-indikaturi tar-riżultat huma affettwati minn fatturi esterni differenti mhux fil-kontroll tal-awtoritajiet ta' ġestjoni. Loġika ta' intervent imfassla sew tiżgura li l-outputs u r-riżultati diretti tal-proġetti magħżula jikkontribwixxu sabiex jinkisbu r-riżultati mistennija tal-OP.

L-għażla tal-proġetti hija r-responsabbiltà esklussiva tal-awtoritajiet ta' ġestjoni li jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla u japplikawhom meta jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-fondi.

77. Il-Kummissjoni tqis li f'ħafna tipi ta' għajjnuna, ikun hemm aktar effiċjenza jekk jiġu stabbiliti livelli limiti tal-kwalità u jiġu aċċettati l-proġetti kollha li jissodisfaw dan il-livell limitu milli jiġi applikat metodu ta' tqabbil dirett tal-applikazzjonijiet. F'tipi oħra ta' assistenza, proċedura kompetittiva tal-għażla jista' jkun ma tikkontribwixxix għall-miri speċifiċi tal-PO (pereżempju proġetti ta' infrastruttura tat-trasport jew proġetti ta' muniċipalitajiet fejn il-kompetizzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi/l-muniċipalitajiet mhix meħtieġa).

Il-Kummissjoni tqis li l-kwalità tal-proġetti magħżula tiddependi aktar fuq il-kriterji tal-għażla applikati milli mit-tip ta' proċedura tal-għażla.

78. Is-sistemi ta' monitoraġġ jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jenħtieġ li jlestu kolloxx skont ir-rekwiżiti regolatorji.

Il-Kummissjoni segwiet approċċ proattiv b'rabta mal-monitoraġġ billi pprovdiet gwida lill-Istati Membri u lill-uffiċjali tagħha, wettqet testijiet tal-plawsibbiltà tad-*data* ppreżentata mill-Istati Membri, u introduċiet regoli ta' validazzjoni addizzjonali fis-sistema tal-IT "SFC" biex tnaqqas il-possibbiltà li tiġi rappurtata *data* ħażina. L-aġġornamenti tad-*data* huma normali u ġew imħeġġa mill-Kummissjoni. Il-validazzjoni tad-*data* tiegħu l-ħin, speċjalment meta titwaqqaf il-MIS (Task Force dwar Strateġija għall-Infurmazzjoni tal-Migranti). L-aktar *data* riċenti, korretta u aġġornata dejjem tkun fuq il-Pjattaforma ta' *Data* Miftuħa.

79. Il-Kummissjoni se twettaq awditi addizzjonali ta' sistemi ta' monitoraġġ li jaqgħu taħt l-investigazzjoni speċifika tagħha matul l-2018 u tkompli tikkollabora mal-awtoritajiet tal-awditi biex iżżid l-aċċertament dwar l-affidabbiltà tas-sistemi ta' monitoraġġ tad-*data* ta' prestazzjoni qabel ir-rieżami tal-prestazzjoni.

80. L-Istati Membri jistgħu jipproponu reviżjonijiet tal-istadji importanti u l-miri meta jseħħu bidliet f'allokazzjonijiet għal prijorità partikolari jew f'każijiet debitament iġġustifikati previsti fir-Regolamenti (l-Artikolu 30(1) RDK, Anness II RDK, Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 215/2014).

Sabiex jiġi żgurat li tali emendi għall-PO jiġu ppreżentati u pproċessati f'waqthom qabel l-aħħar tal-2018 u biex jiġu evitati bidliet fil-qafas tal-prestazzjoni maħsuba biex sempliċement jaġġustaw il-valuri għall-implimentazzjoni reali fil-prattika, l-Istati Membri ġew mistiedna biex uffiċjalment jippreżentaw kwalunkwe talba ta' dan it-tip sat-30 ta' Ġunju 2018.

REGIO għamel analiżi interna ta' emendi li ġejjin fil-PO li huma rilevanti għall-bidliet fil-qafas tal-prestazzjoni, ta prijorità lir-rieżami tal-prestazzjoni li ġej fil-pjan ta' ġestjoni tiegħu u ppjana r-riżorsi kif xieraq.

81. Il-kuntesti tal-FSE u l-FEŻR huma fundamentalment differenti. Madankollu, il-Kummissjoni waqqfet grupp interservizz biex jindirizza d-differenzi tal-kunċetti fost il-Fondi SIE kollha. B'dan

il-mod, jintlaħaq l-aktar livell għoli ta' konsistenza tenut kont tan-natura differenti tal-operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi SIE.

Id-definizzjoni ta' indikaturi tar-riżultati, li tapplika għall-Fondi kollha, hija nkluża fl-Artikolu 2 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (Common Provisions Regulation - CPR) għall-perjodu ta' programmazzjoni wara l-2020.

Il-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 tinkludi lista ta' indikaturi komuni ta' riżultat għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar u mal-kunċett ta' "riżultati" użati taħt il-FSE. Dawn l-indikaturi tar-riżultati jkejlu l-effetti fuq il-benefiċjarji, anke dawk fuq żmien qasir, tal-interventi appoġġati.

82. Proġetti individwali jagħtu outputs u riżultati diretti, li mhumiex bilfors l-istess bħall-oġettivi speċifiċi tal-programmi. Hija l-globalità tal-proġetti ffinanzjati taħt għan speċifiku li se tagħti sehem fil-kisba tar-riżultati mistennija.

Il-loġika ta' intervent tal-programmi tfisser kif l-outputs tal-proġetti individwali jikkontribwixxu biex jiġu miksuba l-oġettivi tal-programm. Huwa l-kompitu ta' evalwazzjoni biex tivvaluta *ex post* jekk il-loġika ta' intervent kinitx effettiva biex intlaħqu l-oġettivi.

Dwar l-FSE, il-ftehim ta' għotja ma jeħtieġx miri kwantifikati skont l-att delegat (480/2014, ara iktar 'il fuq).

83. Fil-kuntest tal-FSE, l-outputs u r-riżultati jiġu mkejla, monitorjati u rrapportati b'mod regolari u ndaq permezz pereżempju tar-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali. Għandu jiġi nnutat li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jirrapportaw kemm parzjalment jew għalkollox fuq operazzjonijiet kompluti skont id-dispożizzjonijiet regolatorji.

Il-qafas ta' prestazzjoni jiddependi minn diversi indikaturi varji sabiex ikun żgurat li l-programmi qegħdin iwasslu dak li jkun sar qbil fuq. L-indikaturi tar-riżultati jistgħu ma jkunux xierqa (għall-FEŻR/FK), għaliex iż-żmien meta r-riżultati jkunu jistgħu jinkisbu u jinġabru mis-sistema ma jkunx kompatibbli mal-iskeda obbligatorja għal allokazzjoni utli tar-riżerva ta' prestazzjoni.

Il-kisbiet kollha tal-indikaturi komuni tal-Fondi SIE kif rrapportati mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni huma disponibbli pubblikament fil-Pjattaforma tad-Data Miftuħa.

Rakkomandazzjoni 1 - Għażla orjentata lejn ir-riżultati

Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Rakkomandazzjoni 2 - Monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati

(a) Il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Id-definizzjoni ta' indikaturi tar-riżultati, li tapplika għall-Fondi kollha, hija nkluża fl-Artikolu 2 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (Common Provisions Regulation - CPR) għall-perjodu ta' programmazzjoni wara l-2020.

Il-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 tinkludi lista ta' indikaturi komuni ta' riżultat għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar u armonizzati mal-FSE. Dawn l-indikaturi tar-riżultati jkejlu l-effetti fuq il-benefiċjarji, anke dawk fuq żmien qasir, tal-interventi appoġġati.

Rakkomandazzjoni 3- Rapportar fuq il-prestazzjoni u l-preparazzjoni tar-rieżami tal-prestazzjoni fl-2019

(a) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà għet implimentata.

L-unitajiet tal-awditjar f'DĠ EMPL diġà wettqu numru sinifikanti ta' awditi fuq l-affidabilità tad-*data* ta' prestazzjoni u jkomplu jinkludu dan l-aspett fil-missjonijiet ta' Awditi Bikrija ta' Prevenzjoni tagħhom. Barra minn hekk, twettaq awditu tal-prestazzjoni speċifiku, li kopra wkoll is-sistemi ta' monitoraġġ, minn awditur estern — taħt ir-responsabbiltà ta' DĠ EMPL - u kwalunkwe kwistjonijiet ta' tħassib ġew imqajma u indirizzati mill-Istati Membri.

Il-pjan tal-awditu ta' DĠ REGIO għall-2017-2018 jinkludi 20 missjoni ta' awditjar taħt investigazzjoni speċifika dwar l-affidabilità tad-*data* tal-prestazzjoni. Fit-28 ta' Mejju 2018, il-maniġment ta' DG REGIO ddiskuta ħarsa ġenerali tar-riżultati minn 13-il awditu ta' affidabilità tas-sistemi ta' monitoraġġ tad-*data* ta' prestazzjoni mwettqa s'issa f'disa' Stati Membri. Huma ppjanati iktar awditi għall-bqija tal-2018 u se tkompli l-kollaborazzjoni mal-Awtoritajiet tal-Awditjar (Audit Authorities -AAs) sabiex tiżdied il-garanzija tal-affidabilità tas-sistemi ta' monitoraġġ qabel ir-rieżami tal-prestazzjoni tal-2019.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li diġà ġiet implimentata.

Meta l-awditi tal-Kummissjoni jew tal-AAs jidentifikaw id-dgħufijiet, il-miżuri korrettivi neċessarji huma stabbiliti fir-rapporti rispettivi tal-awditi b'skadenza korrispondenti.

(c) Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

L-emendi tal-PO huma ppreżentati fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri iżda m'hemmx skadenza legali għas-sottomissjoni tagħhom. Il-Kummissjoni ħadet il-passi neċessarji biex torganizza lilha nnifisha sabiex l-emendi tal-PO marbuta mal-qafas ta' prestazzjoni jiġu pproċessati f'waqthom. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li tali emendi għall-PO jiġu ppreżentati u pproċessati fil-ħin, l-Istati Membri ġew mistiedna jissottomettu uffiċjalment kull talba simili sat-30 ta' Ġunju 2018. Il-valutazzjoni ta' dawn it-talbiet ta' emenda tal-PO issegwi proċedura standard sabiex jiġi żgurat trattament konsistenti. Il-Kummissjoni se tittratta dawn l-emendi għall-PO fl-iskadenza regolatorja prevista mir-RDK.

Avveniment	Data
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	18.1.2017
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	3.5.2018
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	27.6.2018
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha	23.7.2018

PDF ISBN 978-92-847-0510-8 doi:10.2865/72108 QJ-AB-18-018-MT-N

HTML ISBN 978-92-847-0560-3 doi:10.2865/06080 QJ-AB-18-018-MT-Q

Għall-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014 – 2020, aħna eżaminajna kemm l-Istati Membri jiffukaw fuq ir-riżultati fl-għażla tal-proġetti u kemm il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu juru, permezz tal-monitoraġġ tagħhom, li l-baġit tal-UE jintnefaq kif suppost. Aħna sibna li għalkemm il-Kummissjoni ħadet diversi miżuri biex iżżid l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati, il-proċeduri tal-għażla jkomplu jagħmlu enfasi akbar fuq l-outputs u fuq l-assorbiment aktar milli fuq ir-riżultati. Barra minn hekk, minħabba ċerti nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' monitoraġġ kien diffiċli li jiġi vvalutat sa liema punt il-finanzjament mill-UE kkontribwixxa għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-UE u tal-Istati Membri.

Aħna nirrakkomandaw li, matul il-proċess tal-għażla, l-Istati Membri jiżguraw li jsir tqabbil tal-applikazzjonijiet tal-proġetti, jitolbu lill-benefiċjarji jidentifikaw tal-inqas indikatur wieħed reali tar-riżultati għal kull proġett biex jiġi inkluż fil-ftehim ta' għotja u li jikkontribwixxi għall-indikaturi tal-PO, u jivvalutaw ir-riżultati mistennija u l-indikaturi fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi indikaturi komuni tar-riżultati għall-FEŻR, ittejjeb ir-rapportar dwar il-prestazzjoni, u tiżgura li ssir analiżi tal-prestazzjoni siewja fl-2019.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.